

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – APRIL 2017 Nru 190


1° La Ditta Fr.lli Barigozzi dell'Ing. Prospero Barigozzi di Milano somministrerà n. 5 campane nelle note di La bemolle grave, Do, Mib, Lab, Do di circa kg. 3300, 1650, 970, 410, 205 rispettivamente, cioè del peso totale approssimativo di kg. 6535, coi relativi battagli del peso complessivo di circa kg. 330 adatti perfettamente


per la Chiesa di San Giorgio in Vittoria, Gozo.

## ESKLUSSIVA

Ippubblikat għall-ewwel darba l-kuntratt tal-qniepen Barigozzi

20

## "STEDINA LIS-SOĊJETÀ TA' ŻMIENNA BIEX TERĠA' TISKOPRI S-SENS TAL-IMĦABBA VERA"

### Ħames punti fuq l-*Amoris Lætitia*

Dun Richard N. Farrugia

Żgur li lkoll smajna bl-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku *Amoris lætitia* miktuba frott ir-riflessjoni li l-Isqfijiet ta' madwar id-dinja għamlu fiż-żewġ Sinodi li saru dwar il-familja f'Ottubru 2014 u f'Ottubru 2015. Kif jistqarr il-Papa nnifsu, l-Eżortazzjoni hija mdaqqsa mhux ħażin – fiha 325 paragrafu mqassma f'disa' kapitli – u titlob li dawk li jaqrawha "jinżlu fil-fond tagħha b'ħafna sabar" (n. 7). Hawn naqsam magħkom ħames punti li jistgħu jgħinu biex nieħdu f'idejna dan id-dokument u naqrawh ħalli "kull wieħed u waħda jħossu msejjaħ jieħu ħsieb bi mħabba l-ħajja tal-familji tagħna" (n. 7).




1 L-imħabba tal-mizżewġin hija *sabiħa* u *kawża ta' ferħ*. L-Eżortazzjoni Appostolika tibda proprju bil-kelmiet: "il-ferħ tal-imħabba". Hija stedina lis-soċjetà ta' żmienna biex terġa' tiskopri s-sens tal-imħabba vera u awtentika: "It-tagħlim tagħna fuq iż-żwieġ u l-familja ma

*jissokta f'paġna 6...*

"Matul l-aħħar għoxrin sena, f'disgħa minnhom il-Parroċċa ta' San Ġorġ kellha aktar imwiet reġistrati milli magħmudijiet, bl-aħħar ordinazzjoni saċerdotali tmur lura sitt snin"

4



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Reality check

Jekk wieħed jifli ftit l-artiklu f'din il-ħarġa dwar ix-xejriet soċjali tal-Parroċċa, kif jirriżultaw minn statistika meħuda mir-Reġistri Parrokkjali, jinnota kif hemm punti importanti ta' min jgħarbel bis-serjetà, u forsi anki bi ftit tħassib.

F'diversi mumenti fl-aħħar għoxrin sena rajna li ġew irreġistrati aktar imwiet milli magħmudijiet. Rajna wkoll li l-għadd ta' tfal u adolexxenti li rċevew is-sagramenti tal-Konfirmazzjoni u l-Ewwel Tqarbina naqas drastikament, bidla li naturalment ġiet affettwata mir-rata tat-twelid. Hu ta' tħassib ukoll li fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena, il-Parroċċa tagħna tat biss erba' vokazzjonijiet saċerdotali ġodda lill-Knisja f'Għawdex.

F'wiċċ din ir-realtà, wieħed jibda jaħseb fejn ser tkun il-Parroċċa tagħna fi ftit snin oħra. Ma jagħmilx ġid, jew ikun kontroproduċenti, li nibqgħu naħsbu b'mentalità li kollox għadu l-istess. Irridu nagħmlu ftit *soul searching*, u nibdew billi naċċettaw li r-realtà qed tinbidel b'pass mgħaġġel. Jekk mhux sa nieħdu azzjoni fuqha, din ir-realtà ser issir iktar qarsa biex naċċettawha fis-snin li ġejjin.

Hu għalhekk importanti li l-Parroċċa tagħna tiffoka aktar l-isforzi tagħha. Neħtieġu aktar impenn kollettiv u viżjoni ta' Knisja biex nibnu ambjent san għal vokazzjonijiet ġodda. Hu importanti wkoll li l-Parroċċa ssaħħaħ il-preżenza tagħha billi tvara proġetti ta' fejda u *outreach*.

## IL-BELT VICTORIA tliet darbiet fis-sena




Kif aċċennajna diġà f'ħarġiet preċedenti, f'dawn l-aħħar snin il-Bord Editorjali ta' din ir-rivista għamel evalwazzjoni serja tal-qagħda attwali tagħha biex jiżen is-sostenibbiltà tal-frekwenza li biha tiġi stampata.

Minn meta bdiet toħroġ f'Lulju-Awwissu 1981, din il-pubblikazzjoni ħarġet bi frekwenza bimensili u wasslet aħbarijiet mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u materjal siewi dwar l-istorja tal-Bażilika Ġorġjana u ta' beltna li jiġi mfittex mhux biss mill-parruċċani imma anki minn ħafna qarrejja u riċerkaturi oħrajn. Dan l-aħħar inbena werrej dettaljat tal-materjal kollu li deher f'dawn il-ħarġiet kollha – issa fuq mija u disgħin! Sitta u tletin sena wara, minkejja l-isfidi ta' kull xorta, ir-rivista għadha tasal b'xejn fid-djar ta' 'l fuq minn 1,200 familja fil-parroċċa.

Iż-żminijiet jinbidlu, l-ispejjeż żdiedu, l-esiġenzi jieħdu sura oħra, u l-ħidma bla waqfien tibqa' tagħfas fuq il-ftit voluntiera li jħejjuha għall-istampa. Ridna nżommu saqajna mal-art u ma nkunux ta' piż fuq l-ispejjeż kbar li llum il-ġurnata għandha ma' wiċċha l-Parroċċa.

Bl-għan li permezz ta' din il-pubblikazzjoni nibqgħu nagħtu l-aħjar servizz lilkom il-qarrejja Ġorġjani b'aħbarijiet fuq il-ġrajjiet ewlenin fil-ħajja tal-komunità parrokkjali, il-Bord Editorjali f'konsultazzjoni mal-Arċipriet iddeċieda li *minn Jannar 2017*, din ir-Rivista uffiċjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tibda toħroġ tliet darbiet fis-sena, b'ħarsa lura lejn iċ-ċelebrazzjonijiet ewlenin fil-kalendarju liturġiku tagħna: **1. Jannar-April** (wara l-Għid u u l-Festa Liturġika ta' San Ġorġ), **2. Mejju-Awwissu** (wara l-Festa Titulari ta' San Ġorġ), u **3. Settembru-Diċembru** (wara l-ftuħ tas-Sena Pastorali u l-festi tal-Milied).

Waqt li napprezzaw is-suġġerimenti li tkomplu tagħtu b'risq din ir-rivista, ftakru li tistgħu tgħinu bl-għotjiet tagħkom kif ukoll b'kontribuzzjonijiet relevanti anki ta' kitbiet u ritratti. Grazzi!

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archpriestsgeorge@gmail.com

## Tiġdid

Iż-żmien li fih qegħdin bħalissa verament jgħanni b'vuċi għolja din il-kelma: *tiġdid*. Meta tara l-pjanti kollha jwarrdu f'armonija ta' tant kuluri, tara s-sema jżid fid-dawl u x-xemx fis-sirġa tagħha. Tiġdid, meta tisma' l-Kelma ta' Alla tirrakkonta l-ħeġġa tal-ewwel Insara li minn tnax-il raġel imbeżżgħa, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu jieħdu l-ħajja. Tiġdid, meta tħares lejn il-komunità parrokkjali tagħna u tilmaħha tgħix il-festi tal-Għid, il-festa liturġika ta' San Ġorġ, il-Griżma tal-Isqof, l-Ewwel Tqarbina u l-Kwaranturi, fejn bħal donnu kulħadd f'sintonija anki mal-istess natura jgħid: "Il-Mulej iġedded, il-Mulej it-tama tagħna".

### Is-sens

Kull ħaġa li ma tiġġeddidx, tmut. Anki l-ġilda ta' ġisimna tiġġedded fis-skiet kull minuta. Hemm bżonn tat-tiġdid mhux għax ta' qabel kien ħażin, imma għax żmien differenti jitlob modi differenti. Ta' qabilna ħadmu ħafna biex ikunu ġodda għaż-żmien tagħhom. Aħna wkoll, filwaqt li ngħożżu dak li għamlu ta' qabilna, irridu niġġeddu. It-tiġdid fil-Knisja mhux għall-gost tal-ġdid, imma biex il-messaġġ ta' Kristu jasal lill-bniedem tal-lum. Il-Knisja f'dan iż-żmien tal-Għid titlob: "Ejja, Spirtu Qaddis, ġedded il-wiċċ tal-art". Din hi t-talba li jien bħala Ragħaj ta' din il-komunità nitlob.

### Il-bniedem fiċ-ċentru

F'dan l-aħħar żmien ħabbart xi proġetti li l-Parroċċa tagħna ilha tħoss il-bżonn tagħhom. L-ewwel żewġ proġetti li se jibdew b'mod immedjat huma dawk tal-pannelli fotovoltajċi u tar-restawr tal-faċċata. Dawn iż-żewġ proġetti għandhom fiċ-ċentru tagħhom lill-bniedem. Dan għaliex dawk kollha li jilmħu minn barra jew jinqdew bil-Bażilika tagħna, għandhom bżonn jilmħu s-sbuħija tal-qalb u l-fidi li kellhom il-persuni li bnew din il-Bażilika u għammruha bl-ifjen arti. Għandna dmir inħarsu l-arti, għandna dmir inħarsu l-ambjent. Għandna dmir li lill-bniedem tal-lum inxennquh għas-sbuħija ta' Alla li tmur lil hemm minn dik tal-arti. Dan hu wieħed mill-modi kif illum mistiedna nġeddu l-parroċċa tagħna.

### Kun parti mit-tiġdid

It-tiġdid għandu żewġ faċċati. It-tiġdid ta' barra jrid ikun akkumpanjat mit-tiġdid tal-qalb. Nixtieq li matul din is-sena li ġejja niġġeddu kemm fil-proġetti li semmejt u kemm billi nsaħħu l-gruppi parrokkjali li ġa jeżistu u noħolqu oħrajn ġodda. Għalhekk nitlobkom u nħeġġiġkom biex tkunu parti minn dan it-tiġdid. Inħeġġiġkom tgħinuna finanzjarjament imma wkoll tgħinuna billi tinteressaw ruħkom fil-formazzjoni lid-diversi kategoriji. Għall-proġetti tal-pannelli fotovoltajċi u tar-restawr tal-faċċata għandna bżonn ħafna qlub ġenerużi li jagħmlu sagrifiċċju mill-ġid li l-Mulej ipprovdielhom. Iżda għall-proġetti pastorali tal-gruppi għandna bżonn ukoll ħafna sagrifiċċji minn nies li joffru ħinhom. Għalhekk, kulħadd kif jista', inħeġġiġkom tkunu parti mit-tiġdid.

San Ġorġ ta ħajtu proprju biex iġedded il-Knisja. Minn suldat ta' din l-art sar suldat tas-Sema. Illum iħeġġeġ lilna biex ngħaddu mill-għarbiel tal-Vanġelu l-ħajja tagħna biex hekk nibnu fuq dak li verament jgħodd: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih" (Fil 3:8-9).

## KRONAKA PARROKKJALI (JANNAR-APRIL 2017)

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

08/01/2017 **Claire Adele Hui**, bint John Sultana u Li Zhang
19/02/2017 **Annah**, bint Brian Joe Attard u Diane Calleja
26/02/2017 **George**, bin Adam Attard u Jessica Portelli
15/04/2017 **Waylon**, bin Angelo Brignoli u Melanie Grech
15/04/2017 **Jerome**, bin Aldo Sultana u Vanessa Azzopardi
22/04/2017 **Alexander**, bin Nicolò Tesconi u Rebecca Grech
23/04/2017 **Ella Grace**, bint Donald Micallef u Rose Ann Vella
30/04/2017 **Jana**, bint Joseph Ellis u Simona Vassallo

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

07/01/2017 **Alex Sacco** u **Analise Xerri**
22/04/2017 **Karl Zammit** u **Roberta Sammut**

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

13/01/2017 **Sophia Calleja**
28/01/2017 **Patri Eġidju Mizzi** OFMCONV
20/02/2017 **George Tabone**
27/02/2017 **Antonia Mercieca**
08/04/2017 **Yvonne Sultana**
15/04/2017 **Grazia Said**
17/04/2017 **Rita Aquilina**

# Ħarsa lejn xi indikaturi soċjali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-aħħar snin

(L-Ewwel Parti)

Andrew Formosa*

Dan l-artiklu ser jgħarbel diversi fatturi biex jixħet dawl fuq it-*trends* l-aktar komuni li l-Parroċċa tagħna għaddiet minnhom fl-aħħar snin, b'indikazzjonijiet ukoll dwar il-futur qarib. L-istudju jikkonsisti f'analiżi tar-Reġistri tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, fejn hu mniżżel it-tagħrif dwar l-amministrazzjoni tas-sagramenti tal-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma tal-Isqof, u l-Imwiet, kif ukoll tal-istatistika uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika dwar l-Ordinazzjonijiet Presibterali ta' saċerdoti djoċesani, imsejsa fuq tagħrif miġbur mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex.

**Magħmudijiet u Mwiet**




Graff 1: Magħmudijiet u mwiet irreġistrati fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, 1900-2016.

L-analiżi tar-reġistrazzjoni ta' dawn iż-żewġ sagramenti hija importanti biex inkunu nafu kemm membri ġodda daħlu fil-komunità parrokkjali u kemm minnhom ħallewna. Hekk inkunu nistgħu niddeduċu jekk fl-aħħar tas-sena jkunux żdiedu jew naqsu l-membri tal-parroċċa. Ta' min jiċċaraha minnufih li hawn qed jiġi analizzat l-għadd ta' persuni li rċivew is-sagramenti u mhux ta' twelid, allura l-analiżi tat-twelid ta' trabi jew l-imwiet tista' tkun mhix kompluta. Madankollu, nafu li fil-parti l-kbira tagħha l-popolazzjoni lokali tiġi mgħammda fil-Knisja Kattolika.

L-analiżi li qed nagħmlu tar-Reġistri tal-Magħmudijiet[1] u tal-Imwiet tibda mis-sena 1900 u tibqa' ġejja sa żmienna. Kif jidher ċar, sas-snin tletin kien hemm rata qawwija ta' magħmudijiet, allura rata għolja ta' twelid fil-parroċċa, li mbagħad bdiet tbatti sa nofs is-snin ħamsin. Ta' min jinnota li dan iż-żmien Malta kienet affettwata mit-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Wara s-snin ħamsin, ir-rata reġgħet għoliet, sakemm bdiet nieżla sa livelli baxxi fis-snin sebgħin u tmenin. Dan iż-żmien jikkonċidi mal-emigrazzjoni qawwija ta' Maltin lejn diversi pajjiżi oħra. Għalkemm ir-rata reġgħet għoliet lejn is-snin disgħin, qabdet mill-ġdid it-triq tan-niżla sas-snin preżenti. Ta' min jinnota li l-ogħla numru ta' magħmudijiet f'sena kien ta' 251 (fl-1910), bl-inqas wieħed ikun 21 (fl-2004). Xħin tanalizza l-*pattern* tal-imwiet fil-parroċċa, din issegwi dik tal-magħmudijiet sas-snin 1960. Fis-snin sebgħin wieħed jinnota li kien hemm snin li kien hemm aktar imwiet milli magħmudijiet, li jfisser li l-parroċċa tagħna kienet fil-fatt qiegħda tiċkien. Kif fissirna aktar kmieni, dan iż-żmien rajna emigrazzjoni lejn pajjiżi barranin, li fil-fatt influwenzat ukoll ġenituri li siefru u għalhekk naqqset il-possibbiltà ta' twelidijiet u, allura, magħmudijiet ġodda.

Dan il-*pattern* qed narawh, b'aktar saħħa, fl-aħħar snin. Jekk tanalizza l-aħħar għoxrin sena, f'disgħa minnhom jirriżulta li kien hemm aktar imwiet milli magħmudijiet. Ta' min jikkonsidra l-fatt li bħala Nazzjon, ir-rata ta' fertilita, kif irrappurtata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'dawn l-aħħar snin (2006-2014) kienet waħda relattivament stabbli, li kienet tvarja minn 1.3 għal 1.4[2]. Ta' min jinnota wkoll li jekk tqabbel id-*data* tas-snin 1900 ma'

[1] Dawn ir-Reġistri jinkludu biss persuni li rċivew is-Sagrament tal-Magħmudija. Twelidijiet ta' trabi jew persuni oħra li għal xi raġuni jew oħra ma rċivewx is-sagrament tal-Magħmudija mhumiex inklużi.

[2] https://nso.gov.mt/en/publicatons/Publications_by_Unit/Documents/C3_Population_and_Tourism_Statistics/Demographic_Review_2014.pdf.

dik tal-aħħar snin, issib tnaqqis qawwi fil-magħmudijiet. Filfatt il-medja tal-magħmudijiet irreġistrati fis-snin 1900-1910 kienet ta' 190, filwaqt li l-medja fis-snin 2006-2016, il-magħmudijiet kienu 33. Min-naħa l-oħra, il-medja tal-imwiet fis-snin 1900-1910 kienet ta' 65, filwaqt li l-medja fis-snin 2006-2016 kienet ta' 30 mewt.

**L-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni[3]**

Meta tara n-numri ta' tfal u adolexxenti li rċivew l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni fl-aħħar erbgħin sena, l-aktar perjodu li fih irċivew dawn is-sagramenti kien tas-snin disgħin. Din iż-żieda titqabbel tajjeb man-numru relattivament għoli ta' magħmudijiet irreġistrati fis-snin tmenin u l-bidu tad-disgħinijiet. Ta' min jgħid li, skont il-prassi fil-Knisja lokali, min tgħammed fil-perjodu msemmi mbagħad kien jirċievi s-sagramenti tal-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni tmien snin u tnax-il sena wara li jkun twieled, rispettivament. Mal-bidu tal-millennju, in-numru ta' tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni beda nieżel. Hu mistenni li sakemm ir-rata ta' magħmudijiet tibqa' l-istess jew saħansitra tonqos aktar, in-numru ta' tfal li ser jirċievu dawn is-sagramenti ser isewgi l-istess *pattern* fis-snin ta' wara.[4] L-akbar numru ta' tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina kien ta' 82 fis-sena 1992, filwaqt li l-akbar numru ta' adolexxenti li ngħataw il-Konfirmazzjoni kien ta' 71 fis-sena 1996.[5]



Graff 4: Persentaġġ ta' saċerdoti djoċesani ordnati minn kull parroċċa f'Għawdex, 1956-2016.



Graff 2: L-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni rreġistrati fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, 1976-2016.



Graff 3: Ordinazzjonijiet ta' saċerdoti djoċesani mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, 1956-2016.

**Ordinazzjonijiet ta' saċerdoti djoċesani (1956-2016)**

L-aħħar parti tal-analiżi hi dik ta' kemm saru ordinazzjonijiet ta' saċerdoti djoċesani mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Ta' min jinnota li dan l-eżerċizzju jibda mis-sena 1956, peress li sas-sena ta' qabel ir-Rabat fuq il-karta kien meqjus parroċċa waħda b'żewġ knejjes parrokkjali – il-Katidral u San Ġorġ, u għalhekk ma kienx dejjem faċli nikkonkludu liema hi l-parroċċa proprja tal-provenjenza ta' kull saċerdot, anki minħabba li f'diversi każi saċerdoti mill-Parroċċa tal-Katidral

[3] Qabel l-1976 fil-Parroċċa ma kinux jinżammu Reġistri tal-Ewwel Tqarbina, waqt li l-Griżma kienet titniżżel maġenb l-isem fil-Magħmudija.

[4] Mhux qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li fost it-tfal li jirċievu dawn is-sagramenti hemm uħud minn parroċċi oħra imma li jagħżlu li jirċievu dawn is-sagramenti fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, kif ukoll koppji bit-tfal li jbiddlu l-parroċċa tagħhom u ma jitgħammdux fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

[5] Mhix qed tiġi inkluża s-sena 1976, fejn kien hemm 177 student għall-Konfirmazzjoni, ammont kbir ħafna, għax f'dik is-sena rċivew is-sagrament dawk kollha li ma kinux irċivewh fis-snin ta' qabel minħabba l-kwistjoni tal-inkwiet parrokkjali.

jissokta f'paġna 8...

...jaqbad minn paġna 1

## "Il-familja perfetta ma teżistix"

jistax jieqaf jitnebbaħ u jinbidel fid-dawl ta' din l-aħbar ta' mħabba u ta' ħlewwa, biex hekk ma jsirx sempliċi difiża ta' duttrina kiesħa u mejta" (n. 59). Fit-tieni kapitlu, il-Papa jsemmi l-isfidi l-kbar li jistgħu jheddu l-familja – isemmi l-problema tal-faqar, tal-qgħad, tal-inugwaljanza bejn is-sessi, l-ideoloġiji li jippreżentaw mudelli ta' familji li jfaqqru s-sinifikat tal-familja mibnija fuq l-imħabba ta' bejn raġel u mara. Isemmi wkoll l-individwaliżmu esaġerat, l-instabbiltà fir-relazzjonijiet minħabba l-fatt li l-persuna titħalla tinġarr mix-xewqat tagħha, u t-tibdil li qed iseħħ fis-soċjetà. Quddiem dan kollu jeħtieġ li nkunu *pro-attivi* aktar milli negattivi, u filwaqt li nqisu l-gravità ta' dan it-theddid, ninsistu aktar biex inwasslu s-sbuħija tal-imħabba: "Hu mitlub minna sforz iżjed responsabbli u ġeneruż, li jikkonsisti f'li nagħtu r-raġunijiet u l-motivazzjonijiet tal-għażla tagħna favur iż-żwieġ u l-familja, biex hekk l-oħrajn ikunu iżjed disposti li jwieġbu għall-grazzja li Alla qed joffrilhom" (n. 35).

2 Biex niskopru l-imħabba vera neħtieġu d-dawl tal-Kelma ta' Alla. Aktar milli soluzzjonijiet ta' natura soċjoloġika, il-Knisja hija msejħa biex b'entużjażmu mġedded ixxandar il-verità tal-Vanġelu lill-familji ta' żmienna. Fil-fatt, l-Eżortazzjoni tistieden lilna Nsara biex aktar milli nħarsu lejn il-problemi u l-isfidi tal-familji u nieqfu hemm, pjuttost inħallu l-Kelma ta' Alla tgħinna *nikkontemplaw* is-sbuħija tal-imħabba ta' bejn il-miżżewġin u fid-dawl tagħha naqraw ir-realtà ta' żmienna. Fil-fatt, l-Eżortazzjoni tiftaħ b'riflessjoni fuq is-Salm 128, u fir-raba' kapitlu l-Papa Franġisku joffrilna riflessjoni profonda fuq l-*imħabba fiż-żwieġ* fid-dawl tal-innu tal-imħabba li jikteb San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin (13:4-7). Hija l-Kelma ta' Alla li tagħti t-"ton xieraq" lir-riflessjoni tal-Knisja fuq il-familja (n. 6).

3 Il-ħarsa tagħna għandha tkun fuq Ġesù Kristu. Xi drabi jiġrilna li xħin nitkellmu fuq il-qagħda tal-familja fi żmienna nagħmlu analiżi li twassalna biex naqtgħu qalbna. Il-Papa Franġisku jistedinna, f'kontinwità mal-Eżortazzjoni Appostolika *Il-ferħ tal-Vanġelu*, sabiex nerġgħu nqiegħdu lil Kristu fiċ-ċentru ta' ħajjitna u tal-ħidma tagħna bħala Knisja. "Ħarsitna fuq Ġesù" huwa fil-fatt it-titlu tat-tielet kapitlu, u matul dan id-dokument spiss insibu stedina biex nerġgħu nafdaw fil-ġmiel u l-qawwa tal-*grazzja* ta' Kristu li tingħata lill-koppja fis-Sagrament taż-Żwieġ hekk li "l-ħajja komuni kollha tal-miżżewġin, ix-xibka sħiħa ta' relazzjonijiet li jinsġu bejniethom, ma' wliedhom u mad-dinja, hi mbierka u msaħħa mill-grazzja tas-sagrament li tnixxi mill-misteru tal-Inkarnazzjoni u tal-Għid, fejn Alla wera mħabbtu kollha għall-bniedem u ssieħeb b'mod intimu magħhom" (n. 74). Din il-ħarsa tgħinna wkoll inkunu qrib, nakkumpanjaw u nsieħbu lil dawk l-Insara li jgħixu f'sitwazzjonijiet li huma "irregolari" għax ma jaqblux mat-tagħlim tal-Vanġelu dwar iż-żwieġ u l-familja. F'dawn is-sitwazzjonijiet, bħalma hija ta' dawk li huma miżżewġin biss ċivilment, li huma ddivorzjati u jinsabu fit-tieni rabta, jew li jagħżlu li jikkoabitaw, il-ħarsa lejn Kristu tfakkarna li "ħadd mhu kkundannat għal dejjem" (n. 297) u aħna msejħin biex "insieħbu, niddixxernu u nintegraw lid-dgħajjef" – dan huwa l-isem tat-tmien kapitlu li jitlob riflessjoni għalih. Fid-dawl ta' dan il-kapitlu l-Isqfijiet tagħna ħarġu numru ta' kriterji għas-saċerdoti biex ikunu jistgħu jwasslu l-imħabba ta' Kristu lill-persuni li jinsabu f'dawn is-sitwazzjonijiet kumplessi.

4 Il-familja perfetta ma teżistix. Teżisti l-familja li bl-għajnuna tal-grazzja tkompli tikber fl-imħabba. L-Eżortazzjoni turina kif il-ħajja tal-miżżewġin tgħaddi minn diversi "staġuni" li fihom il-komunità Nisranija hija msejħa biex tkun ta' għajnuna u tippromovi "pastorali tar-rabta, fejn jinħolqu elementi li jgħinu kemm biex tikber l-imħabba u kemm biex jingħelbu l-mumenti ibsin" (n. 211) – hemm il-fażi tal-għerusija u tat-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament; hemm l-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa; hemm iż-żmien tat-trobbija u l-edukazzjoni umana, etika, sesswali u Kristjana tal-ulied (li għaliha l-Papa jiddedika kapitlu sħiħ); hemm ukoll il-mumenti ta' kriżi fil-ħajja tal-miżżewġin, u anki dawk il-familji fejn ikun hemm il-mard jew ikunu milquta bil-mewt ta' xi ħadd għażiż għalihom. Matul id-diversi staġuni l-imħabba hija msejħa sabiex tkompli tikber u timmatura u għalhekk għandna nżommu 'l bogħod milli nittieħdu minn mentalità li tippreżenta "mħabba idillika u perfetta", għax "idea għolja wisq tal-imħabba fuq din l-art tkun qed tinsa li l-aħjar għad irid jasal, hu l-inbid misjur biż-żmien" (n. 135). Għalhekk l-imħabba titlob edukazzjoni tal-passjonijiet u tas-sentimenti ta' qalb il-bniedem sabiex ikun jista' jġarrab dak il-ferħ li għalih sawru l-Ħallieq (nn. 143-157), kif ukoll li wieħed jifhem li l-imħabba hija sengħa li kemm ir-raġel u kemm il-mara jridu kontinwament jitgħallmuha: "L-imħabba trid li wieħed jistenna lill-ieħor u jħaddem is-sabar ta' bniedem tas-sengħa li hu wiret mingħand Alla nnifsu" (n. 221).

5 L-urġenza hija l-konverżjoni pastorali! Biex insostnu l-familja jeħtieġ li nibdlu l-mod kif nifhmu l-ħidma tagħna bħala Knisja biex inwasslu l-Vanġelu. It-tibdil li jistieden għalih il-Papa mhuwiex fil-*kontenut* tal-Vanġelu – li ma jistax jinbidel għax huwa l-Verità li tibqa' għal dejjem – imma l-*mod* kif inxandruh. Fil-parroċċi tagħna jeħtieġ nerġgħu nxandru l-"a-b-ċ" tal-fidi tagħna, jiġifieri "l-ġmiel tal-imħabba feddejja ta' Alla li dehret f'Ġesù Kristu li miet u rxoxta" (*Il-ferħ tal-Vanġelu*, 36). Minflok ingergru fuq dak li sejjer żmerċ, jeħtieġ ngħinu lil uliedna jissaħħru mill-ġmiel tal-imħabba li tilma fi Kristu Ġesù – u dan nagħmluh billi ngħixu ta' Nsara li għandna relazzjoni personali mal-Imgħallem tagħna. Għalhekk lanqas għadna nħarsu lejn il-familji bħala dawk li sempliċiment jagħmlu dak li jgħidulhom is-saċerdoti, imma pjuttost irridu nagħrfu li l-familji nfushom huma l-aqwa "evanġelizzaturi". Huma "bil-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ, huma s-suġġetti prinċipali tal-pastorali tal-familji, fuq kollox għax joffrulna x-xhieda hienja tal-miżżewġin u tal-familji, knejjes tad-dar" (n. 200). Minħabba f'dan hija meħtieġa l-ħidma biex il-familji jiġu megħjuna jżommu ħajja l-fidi tagħhom bl-għajxien tal-ispiritwalità proprja tagħhom li tiġi mfissra fl-aħħar kapitlu tal-Eżortazzjoni. Jeħtieġ li tingħata dejjem aktar prijorità lill-katekeżi tal-familji tagħna sabiex ikunu sostnuti fil-mixja tagħhom wara Kristu Ġesù li waħdu kapaċi jagħti dak il-ferħ tal-imħabba li xejn u ħadd ma jista' jeħodhulna.

L-Eżortazzjoni tagħlaq b'talba lill-Familja Mqaddsa. Il-qari ta' *Il-ferħ tal-imħabba* għandu jwassalna biex irressqu quddiem Ġesù, Marija u Ġużeppi l-familji kollha tagħna u nisimgħu s-sejħa li nkunu bħal dawk il-qaddejja tat-Tieġ ta' Kana (ara Ġw 2:1-12) li dejjem lesti jipprovdu dak "l-ilma" li l-Mulej kapaċi jibdlu fl-inbid tal-hena, u nqassmuh lill-miżżewġin tagħna, ibda mill-familja tagħna stess.

# Il-mużajk li jirrappreżenta lil San Ġorġ fuq iż-żiemel fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro f'Pavia, l-Italja

Patri Peter Paul Cachia OSA



Il-mużajk tal-paviment Romaniku li nsibu fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro, f'Pavia, fir-reġjun tal-Lombardija, jippreżentalna l-ikonografija ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel jissielet mad-dragun. Il-Bażilika minn dejjem kienet magħrufa għall-fdalijiet tal-ġisem ta' Santu Wistin li jinsabu fiha. Bejn is-snin 720 u 725, ir-Re Luitprando kien bagħat kummissjoni f'Sardenja biex issalva l-fdalijiet tal-ġisem ta' Santu Wistin minn taħt idejn is-Sareċeni. Dawn kienu waslu f'Sardenja fis-sena 502 meta ġew ittrasportati minn Ippona (illum Annaba, fl-Alġerija) fi żmien il-persekuzzjoni tal-Vandali fl-Afrika ta' Fuq.

Il-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro f'Pavia, imfaħħra minn Dante, Petrarca u Boccaccio, hija ta' stil Romaniku tas-seklu ħdax, u kienet inbniet minflok knisja oħra żgħira tas-seklu tmienja. Il-Bażilika hija magħrufa wkoll minħabba li fiha nsibu l-fdalijiet ta' San Severino Boezio tal-Familja Anici u minħabba l-fdalijiet tar-Re Luitprando. Illum San Severino Boezio u Santu Wistin huma l-Patruni tal-belt ta' Pavia.

Din il-Bażilika ġġorr it-titlu ta' Santwarju minħabba l-privileġġ li kellha fi żmien il-Kruċjati, meta pellegrini u penitenti kienu jagħmlu wegħdiet bil-mixi minn Ġerusalemm sa Ruma. Il-privileġġ ingħata lil din il-Bażilika għax kien biżżejjed li l-pellegrini u l-penitenti jaslu sa din il-knisja biex il-wegħda tagħhom tkun imwettqa. Dan huwa ppruvat mill-istejjer ta' mirakli ta' pellegrini u penitenti rraffigurati fir-rilievi li nsibu fuq l-urna ta' Santu Wistin. Illum il-Bażilika hija Santwarju minħabba li hija attrazzjoni prinċipali fejn pellegrini u turisti ma jonqsux li jżuru u jitolbu ħdejn il-fdalijiet tal-kbir Duttur tal-Knisja Santu Wistin. Dawn il-fdalijiet huma ppreservati f'mawsulew tar-rħam abjad mill-isbaħ fejn huma mnaqqxa tnejn u disgħin riliev u tnejn u ħamsin statwa. Ħdejn dawn il-fdalijiet insibu l-kunvent tal-patrijiet ta' Santu Wistin.

Fuq il-lemin tal-kappella ddedikata lil Santa Rita nsibu biċċa mużajk quddiem l-altar li tirrappreżenta lil San Ġorġ fuq iż-żiemel. Din il-biċċa mużajk hija komposta minn biċċiet ta' rħam *policromi*, hi ta' qies 302 b'74 b'20ċm, tipoloġija *"opus tassellatum"*, ta' bejn is-seklu ħdax u tnax. Għalkemm f'xi arkivji antiki jissemmew "tapiti" ta' mużajċi fi knejjes Romaniċi f'Pavia, kien fis-sena 1885 li dan il-mużajk ġie mikxuf minn ċertu Camillo Brambilla. L-għażla tas-suġġett biex jinħadem il-mużajk kienet tikkorrispondi mal-esiġenza tal-katekeżi għall-formazzjoni tal-Insara fuq l-istorja li tiġi rrakkontata jew is-suġġett tad-dedika tal-kappellun biex jiġi spjegat permezz ta' simboli fuq tapiti tal-mużajk. Nistgħu naslu biex nifhmu dan f'kuntest Medjevali fejn *"ecclesia materialis significat Ecclesiam spiritualem"*.

Fis-sena 2006, minħabba ż-żjara tal-Papa Benedittu XVI fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro, kien reġa' sar xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq dan il-mużajk. Ġara li fis-sena 1940, biex issir kappella ġdida lil Santa Rita, parti mill-mużajk li qed nitkellmu fuqu kienet ġarrbet xi ħsara wara li nħbiet taħt it-targa tal-altar. Is-Sinjura Maria Teresa Mazzilli Savini, professur fl-Università ta' Pavia, kienet daħlet responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar ix-xogħol li kien sar fuq dan ir-restawr. Il-ktieb jismu *Dentro una storia più grande*. Ħafna mill-materjal li nsibu f'dan l-artiklu huwa meħud minn dan il-ktieb.

Jibqa' dejjem interessanti li wieħed jipprova jispjega għaliex u meta nħasset l-esiġenza li ssir din l-ikonografija hekk ċara u viżibbli ta' kavallier.

Xħin tosserva l-mużajk mill-ewwel tasal biex tagħraf il-ġlieda famuża ta' San Ġorġ kontra d-dragun, li saret waħda mill-interpretazzjonijiet letterarji l-iżjed sinifikattivi fl-opra tal-patri Dumnikan Ġakbu ta' Voragine, persunaġġ li kellu rabta speċjali mal-belt ta' Pavia. Dan għex fis-seklu tlettax fil-kunvent ta' San Tumas ta' Pavia, imbagħad kien sar Isqof ta' Genova. Bejn is-snin 1255 u 1266 kiteb ġabra ta' ħajjiet tal-qaddisin, speċjalment dawk ta' tradizzjoni popolari. Din l-opra hija famuża minħabba l-ikonografija li tiġbor fiha.

Hawn ukoll insibu proprju l-ikonografija ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li joqtol id-dragun biex isalva l-prinċipessa fil-kastell. Imma nħallu barra din il-leġġenda u nikkonċentraw iżjed fuq is-sinifikat li seta' kellha din il-figura tal-kavallier ippreżentata fil-mużajk ta' San Pietro in Ciel d'Oro.



San Ġorġ, martri tal-ewwel żminijiet Insara, u mwieled qrib l-Orjent, insibu l-kult tiegħu sa mis-seklu erbgħa fejn l-Insara kienu jmorru jonoraw il-fdalijiet tiegħu f'Lidda (illum Lod, qrib Tel Aviv). Minn dak li nafu fuq ħajtu, storikament iddokumentat, huwa mill-*Passio* tiegħu li jaslulna xi narrazzjonijiet oħra. Mas-seklu ħamsa l-kult tiegħu nfirex sa ma wasal ukoll fil-Punent, speċjalment mal-medda tas-sekli fil-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs fejn il-kult tiegħu kiber hekk tal-għaġeb li fis-seklu tnax insibuh jiffjorixxi fl-ambjent tal-Kruċjati minħabba rakkont tad-dehra ta' San Ġorġ jissielet waqt ġlieda qalila f'Antjokja biex jgħin lill-kavallieri jiġġieldu biex jeħilsu l-Art Imqaddsa.

F'Pavia jingħad li xi fdalijiet tal-ġisem ta' San Ġorġ kienu waslu permezz ta' Feliċita, it-tifla tal-Imperatur Ottone II, li mbagħad kienet saret soru u iżjed tard Badessa fil-kunvent tas-Salvatur, San Felice. Hemm għajdut ieħor li jgħid li xi fdalijiet ta' San Ġorġ kienu ngħabru mill-Orjent bħala parti mid-dota tal-Imperatriċi Teofanie, il-mara ta' Ottone II.

Imma huwa minnu li fil-knisja tal-kunvent ta' San Felice r-relikwi ta' San Ġorġ huma msemmija fis-sena 1014 (M. Milani [cod. di A Bedini], *Notitia pro securitate, Pavia, 1014 maggio 7*, doc. n. 5, f'*Codice Diplomatico della Lombardia Medievale*, Area pavese, Pavia, S. Felice), meta saħansitra l-isem tal-qaddis jagħmel parti minn dak iċ-ċenobju femminili u jerġa' jissemma fis-snin 1200 (ara Maiocchi–G. Boni, *Catalogo Rcdobaldino dei Corpi Santi di Pavia*, Pavia 1901).

Fiż-żewġ sekli ta' wara, il-kult ta' San Ġorġ kellu fama kbira fil-belt ta' Pavia, u xhud ta' dan huma l-ħames knejjes iddedikati lilu. Waħda minn dawn il-knejjes tissemma' qabel is-seklu tnax, waqt li l-oħrajn jissemmew bejn is-snin 1145 u 1232.

Il-knisja l-iżjed li tinteressa lilna, biex inkomplu d-diskors tagħna fuq il-mużajk li juri lil San Ġorġ fuq iż-żiemel fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro, hija dik li nsibu fil-*Brolio piccolo*, fejn insibu l-knisja tal-Lunzjata, illum Sala tal-Konferenzi tal-Provinċja ta' Pavia fi Pjazza Petrarca. Ftit 'il bogħod lejn il-lvant insibu l-knisja ta' San Felice li llum hi rrestawrata u tagħmel parti mill-Università. Ġewwa wieħed jista' jitgħaxxaq bil-kjostru u l-kunvent li darba kellu bħala Badessa lil Felicita. U ftit 'il bogħod lejn in-nofsinhar insibu l-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro. Nistgħu nimmaġinaw li relikwi tal-qaddis Ġorġ kienu ġew imqiegħda hemm fid-dedikazzjoni tal-altar. Imma żgur li ma baqgħux fil-knisja ta' San Felice, għax fis-seklu erbatax ma jissemmewx iżjed minn ċertu Opicino.

Huwa fatt li l-knisja ta' San Felice kellha rabta speċjali ma' San Pietro in Ciel d'Oro mill-ewwel żminijiet tal-1190 u matul is-seklu tlettax kollu. Il-knisja ta' San Ġorġ fil-*Brolio* tidher proprju fid-dokumenti tal-monasteru Benedittin bħala benefiċjarja ta' kirjiet f'kemm legati u kemm djar li jinsabu fl-inħawi tal-*Brolio*, li wħud minn dawn il-kirjiet jitħallsu preċiżament lill-monasteru. Dan il-monasteru enormi tal-Benedittini nsibuh maġenb il-knisja ta' San Pietro in Ciel d'Oro fejn il-patrijiet kienu jieħdu ħsieb il-fdalijiet ta' Santu Wistin sakemm fl-20 ta' Jannar 1327, permezz tal-Bulla tal-Papa Ġwanni XXII, l-Agostinjani ħadu pussess biex huma wkoll jamministraw fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro. L-Agostinjani bnew il-kunvent fuq il-ġenb l-ieħor tal-knisja. Mas-soppressjoni ta' bejn l-1806 u l-1807, il-kunvent tal-Benedittini spiċċa f'idejn il-*Carabinieri*, waqt li dak tal-Agostinjani baqa' jiffunzjona sal-lum u huwa l-qalb tal-Provinċja Agostinjana Taljana.

Qalb dawn id-dokumenti tal-monasteru Benedittin insibu wieħed interessanti tas-sena 1227, li fih jissemma ċertu Rainaldo Hençignerius u fil-kitba hemm preżenti *"un Georgius de Sancto Georgio de Monferrato"*. Hija prova, li ma tistax tiġi mwarrba, li f'ċertu sens tiġġustifika l-kummissjoni ta' knisja ddedikata lil San Ġorġ. Għaldaqstant, naraw ukoll fid-dokumenti tal-monasteru li d-devozzjoni lejn il-qaddis xterdet qrib sew lejn id-data tal-Battalja ta' Antjokja.

Jingħad, għalhekk, li kien f'dan il-kuntest li fis-snin bejn l-1190 u l-1230, fil-knisja ta' San Pietro in Ciel d'Oro ddeċidew li jdaħħlu ikonografija li tirrappreżenta lil San Ġorġ fuq iż-żiemel jissielet mad-dragun, Protettur u Patrun tal-Kavallieri. Hekk il-mużajk fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro jsib is-sens sħiħ tiegħu.

...jaqbad minn paġna 5

## "it-total ta' dawk ordnati kien ta' 33"

xorta kont issibhom mgħammda San Ġorġ u jagħmlu l-Ewwel Quddiesa Solenni tagħhom hawn. Ir-riċerka teskludi wkoll dawk is-saċerdoti li jagħmlu parti minn xi ordni reliġjuż.

Bejn l-1956 u l-2016, it-total ta' dawk li ġew ordnati saċerdoti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ kien ta' 33. F'żewġ okkażjonijiet kien hemm tliet saċerdoti ordnati fl-istess sena, ħames darbiet ordnaw żewġ saċerdoti f'sena, u sbatax-il darba kien hemm saċerdot ġdid wieħed f'sena. Mill-1956 'l hawn, kellna sebgħa u tletin sena (mhux konsekuttivi) li fihom ma kienx hemm ordinazzjoni ta' saċerdot mill-parroċċa tagħna. Ta' min jinnota li fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena l-Parroċċa kellha erba' saċerdoti djoċesani ġodda, bl-aħħar ordinazzjoni tkun fis-sena 2011.

Xhin tqabbel il-perċentwal ta' saċerdoti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ ma' dawk tal-erbatax-il parroċċa Għawdxija l-oħra, il-Parroċċa tagħna tikklassifika fit-tielet post b'14% tat-total (233), bil-Parroċċa tan-Nadur fit-tieni post, u l-Parroċċa tax-Xagħra l-ewwel.

**Noti**

- Ir-reġistrazzjonijiet tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma jinkludu wkoll dawk li setgħu saru f'dati separati minn dawk tal-gruppi flimkien, u wkoll dawk li saru fi knejjes oħra fir-Rabat imma huma rreġistrati mal-Parroċċa ta' San Ġorġ.
- Iċ-ċifri tal-ordinazzjonijiet presbiterali jinkludu biss dawk ta' saċerdoti djoċesani u mhux tar-reliġjużi, għax l-istatistika hi msejsa fuq dik maħruġa fil-ktieb ta' F.P. Attard–J. Bezzina–J. Xerri, *Ordinazzjonijiet ta' Qassisin Djoċesani Għawdxin (1864-2014)*, Malta 2014.
- L-istatistika dwar l-ordinazzjonijiet mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika kienet tkopri sas-sena 2014 u l-informazzjoni dwar l-aħħar sentejn ġiet miġbura mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex.
- Għal aktar informazzjoni dwar in-*news release* maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, wieħed jista' jżur https://nso.gov.mt/en/News_Releases/View_by_Unit/Unit_02/Regional_and_Geospatial_Statistics/Pages/Diocese-of-Gozo-1864-2014.aspx.

**Ħajr**

Din l-analiżi ma kinitx tkun possibbli li ma kienx għat-tagħrif miġbura b'mod metikoluż mill-Arkivista tal-Parroċċa s-Sur Toni Farrugia. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Francesco Pio Attard.

* *Andrew Formosa għandu MA fil-Ġografija mill-Università ta' Malta.*

# San Ġorġ, ir-rebbiegħa tar-ruħ

Fra Ġorġ Grech OCSO

Ġorġi, żagħżugħ sabiħ bi ġmiel qaddis, il-Kavallier ta' Alla, huwa għalija l-ikona tal-ħajja kontemplattiva, kampjun perfett ta' min jixtieq jimxi fuq il-passi ta' Kristu. Hu li rebaħ lid-dragun, simbolu tal-ħażen, jidher liebes l-abiti ta' suldat Ruman sabiex ifakkarna fl-"armatura spiritwali" li dwarha jitkellem San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Efesin meta jistedinna nilbsu l-armatura ta' Alla sabiex bħalu nagħrfu nissieltu kontra t-tentazzjonijiet tax-xitan.

Xbihetek li tferraħ u li tpaxxi l-għajn hija għalija skola ta' qdusija u mudell għat-taqbida spiritwali. X'mera ta' Kristu nsib fik! Nisker quddiem l-umiltà tiegħek. Nitħaddan miegħek bħal tarbija biex nixrob mill-virtujiet tiegħek.



Nilmħek, o Ġorġi, fil-glorja bil-kuruna dehbija fuq rasek. L-elmu jġibli quddiem għajnejja l-intenzjoni retta. Ikellimni fl-istess ħin kif jien ma għandix nagħti widen għat-tnassis tax-xitan li hu għadu ta' Alla.

L-għajnejn leqqiena u smewwin tiegħek itajruni lejn l-eternità mimlija dawl, lejn Alla infinit, jitfgħuni fil-ġuf tat-Trinità Qaddisa.

Ix-xofftejn eleganti tiegħek kemm kemm imbexxqa jkellmuni fuq is-sbuħija ta' Alla, oħla mill-għasel l-iżjed bnin. Sbuħija li tferrex madwarha l-arja mimlija ħajja ġdida tar-rebbiegħa, li tfawwar l-ispirtu tiegħi bil-preżenza ħanina u glorjuża tiegħek.

Il-kurazza tiegħek miżmuma ma' qaddek b'ċinturin magħmul minn deheb fin twissini u tgħallimni biex naffronta t-taqbida tiegħi b'ħeġġa spiritwali. Biex nitqabad bħala suldat qalbieni sabiex Kristu jsaltan dejjem iżjed f'ħajti u fid-dinja kollha.



Ix-xabla mehmuża mal-ġenb tal-qadd tiegħek hija simbolu tal-Kelma ta' Alla li għandha tkun għalija l-ħobż ta' kuljum li biha nitmantna, in-nifs tiegħi, il-kilba tiegħi għas-salvazzjoni. Hi żegħila u tmellisa għar-ruħ tiegħi.

Rebbieħa l-palma madwar driegħek, u l-girlanda tar-rand li ġewwa jdejk iżżomm b'tant għaxqa u armonija tfakkarni li anki jien għad bħalek, meta niltaqa' wiċċ imb wiċċ miegħek, inkun inkurunat u hekk isseħħ il-ħolma li Alla għandu għalija, il-ferħ u t-tgawdija dejjiema. Għajnejja ffissati u mitlufa f'għajnejk, niskopri ismi miktub f'ħarstek u f'qalbek u b'dirgħajk beraħ fit-tgħanniqa ta' mħabbtek bla qigħan. Għandek ilwien tas-Sema, ħarstek kollha mħabba, wiċċek sbejjaħ stampat f'ruħi u anki f'moħħi dejjem minsuġ.

Dak il-mantell aħmar li nieżel lura minn fuq spallejk jaqa' ħelu ħelu ma' ġismek, iwissini biex ngħaddi ħajti mogħtija kompletament għall-imħabba. O Gwerrier qalbieni, miegħek irrid nirbaħ il-palma tat-taqbida, hekk jien inkun nista' nilbes il-bniedem il-ġdid li hu Ġesù.

Driegħek il-lemini setgħan tiegħek, jaqbadni minn idejja u jkebbes fija d-determinazzjoni biex jien nimxi ħajti fuq il-passi tiegħek, għax imħabbtek qatt ma tiddeludi, tħaddanni bil-qalb ta' missier.

Is-sandli sbejjaħ tiegħek iħeġġiġni biex niġri l-ġirja ta' ħajti f'libertà interjuri fejn fl-aħħar mill-aħħar inkun nista' ngħannaq din il-paċi interjuri li hi l-arti tal-vera mħabba.

Mistrieħ fuq riġlek ix-xellugi tiegħek b'poża divina tistedinni u tmexxini għall-ħajja ta' stabbiltà, sodezza u koerenza. Hekk nasal għall-ħajja fejn ftit li xejn inkun ittentat biex inħares lura, biex nerga' naqa' għad-dgħufijiet tiegħi l-imgħoddija u għaż-żegħil tat-tentazzjoni, għax marsus ma' qalbek tnissilni dejjem mill-ġdid fi mħabbtek kotrana li tisboq kull imħabba oħra. O ġawhra ta' kull żmien, int ma tmut qatt għalija!

Ir-rebħa tiegħek fuq id-dragun umiljat mal-art bir-rimors tat-telfa, mirfus b'riġlek il-lemini, hija għalija xempju kif jien għandi nisħaq bil-qawwa lix-xitan li hu dejjem lest li jirbaħ lill-erwieħ li jsegwu lil Alla. Fik maħbub u qatt mirbuħ, Ġorġi, nerġa' niskopri s-sbuħija ta' kull virtù bżonnjuża biex bil-grazzja ta' Alla naffronta u nirbaħ l-għadu ta' kull ġid u tjubija.



O kobor bla qies, o sebħ tagħna r-Rabtin, o rahan tal-hena u kenn tagħna, ibqa' dejjem magħna u fostna, intennulek. Kemm hu ħanin u setgħan il-ħarsien waħdieni tiegħek, o Ġorġi, fuq dawk kollha li jsejħulek b'fiduċja u tama kbira fik.

Maħbub, mitlub u mfittex, issemmik id-dinja kollha, għax f'ismek u b'għemilek saru għeġubijiet kbar. O ġmiel li tisboq kull ġmiel, o fjura li ma tidbielx, bik Ġorġi mimli kull żmien: agħmel li fis-siegħa ta' mewtna xofftejna jlissnu ismek, u fl-aħħar nifs tagħna b'għożża ntennulek:

*Ġorġi tagħna,*
*id f'id miegħek,*
*ħudna int il-Ġenna,*
*lilna wliedek għeżież tiegħek.*

# Iż-żgħażagħ Ġorġjani fil-31 Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-Polonja

Wallace Camilleri, wieħed mil-*leaders* tal-Gruppi 23four>>



"Għajjiena... imma ħadna ħafna gost", "L-atmosfera li kien hemm kienet kbira", "Esperjenza li ma ninsew qatt"... dawn huma ftit mill-kummenti li ħarġu minn fomm l-adolexxenti u ż-żgħażagħ daqsi mill-Parroċċa ta' San Ġorġ li kellna x-xorti mmorru għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li nżamm fi Krakovja, il-Polonja, bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2016. Konna b'kollox tnejn u għoxrin minn San Ġorġ; biss ingħaqadna ma' ħafna adolexxenti oħra minn diversi parroċċi f'Malta u Għawdex.

Dan l-avveniment kbir ġabar b'kollox madwar tliet miljun persuna minn madwar id-dinja. Kienet esperjenza mhix tas-soltu, esperjenza li tbiddlek u ġġibek wiċċ imb wiċċ mal-ħajja ta' żgħażagħ Insara li huma differenti minna.

Il-preparamenti bdew minn ħafna qabel. Sintendi kellna naħsbu għall-affarijiet li ridna nieħdu magħna għal ġimgħa sħiħa fil-Polonja. Qabel ma tlaqna kellna l-okkażjoni niltaqgħu wkoll mal-Isqof tagħna Mons. Mario Grech, li ħa gost bil-preżenza tagħna u faħħar il-kuraġġ li nidħlu għal din l-esperjenza. Qalilna wkoll biex nagħmlu kollox f'isem Alla u nkunu adolexxenti u żgħażagħ ta' eżempju.

Meta konna l-Polonja, irqadna fl-art, f'*gym* li jinsab ftit 'il bogħod miċ-ċentru ta' Krakovja. Kellna l-opportunità li naqsmu l-ħsibijiet tagħna flimkien, kif ukoll ċans fejn wieħed jagħmel ħbieb ġodda u jaqsam dak li jkun għadda minnu matul il-ġurnata. Ħadna pjaċir nitħalltu ma' sħabna l-Maltin li kienu jinsabu magħna fl-istess *gym*. Irqadna wkoll lejl fl-art fl-għelieqi f'post jismu *Campus Misericordiœ*, b'ġurati żgħar jiġru magħna!

Hekk l-għada filgħodu stajna nkunu preżenti għall-quddiesa li mexxa l-Papa Franġisku f'dan il-*Campus*, li għaliha attendew madwar tliet miljun ruħ minn madwar id-dinja. Kellna naħsbu għaliha minn ġurnata qabel biex nilħqu post naqra 'l quddiem, imma tant kien 'il bogħod il-palk li minn fuqu kien qiegħed imexxi l-quddiesa l-Papa li ma konna naraw xejn. Dan barra l-eluf kbar li kien hemm warajna. Imma l-atmosfera li kien hemm kienet sabiħa wisq li ma tistax tingħax minn fuq it-televiżjoni. Waħda minna, Lauren Grech, ġiet magħżula biex issegwi l-Quddiesa minn quddiem.

Din kienet esperjenza differenti għall-aħħar. Għamilna wkoll ħbieb ġodda minn pajjiżi differenti li kienu reqdin madwarna. Tibda tħossok kburi li int Malti qalb dawk l-eluf ta' nies minn pajjiżi differenti. Bdejna nħossuna ambaxxaturi ta' Malta, nirrappreżentaw iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin kollha, ma' dawn il-kulturi differenti li ngħaqdu flimkien għal għan wieħed.

Ġurnata minnhom morna għal kunċert li fih rajna personalitajiet reliġjużi popolari bħal Suor Cristina u bands li qajmu l-atmosfera taż-żgħażagħ b'mużika li n-noti tagħha tħosshom telgħin 'il fuq b'ringrazzjament lejn Alla. F'xi mumenti mbagħad tara d-devozzjoni li dawn l-Insara għandhom, u s-sentiment li tħoss madwar dawn iż-żgħażagħ, li ma jiddejqux jesprimu l-imħabba u l-emozzjonijiet tagħhom lejn Alla, b'wiċċ imbikkem u ferrieħi, b'idejhom 'il fuq u għarkupptejhom, jagħtu qima lil Alla. Il-kant kien iġagħlek taħseb, tirrifletti minn dak li tkun għaddej minnu fil-ħajja personali tiegħek u r-relazzjoni bejnek u bejn Alla.

Jalla din ma tkunx l-aħħar esperjenza ta' Jum Dinji taż-Żgħażagħ u jkun hemm iktar żgħażagħ u adolexxenti mill-parroċċa tagħna li jattendu għall-appuntament li jmiss li se jinżamm fil-Panama fis-sena 2019. Hija tabilħaqq esperjenza li tbiddillek il-perspettiva tal-ħajja tiegħek, speċjalment il-ħajja ta' żgħażagħ bħalna, billi tidħol f'qoxortok u taħseb fuq kif aħna qegħdin ngħixu l-fidi tagħna bħala dixxipli ta' Kristu bi mħabba għall-oħrajn.



# Tkompli fil-Parroċċa l-ħidma b'risq ħutna l-foqra

Fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* (189) ġiet ippubblikata l-istorja ta' grupp ta' żgħażagħ mill-Parroċċa tagħna li għamlu xogħol volontarju fl-artijiet missjunarji tal-Etjopja (Settembru 2015) u tal-Gwatemala (Awwissu 2016). Ħsibna li tkun ħaġa xierqa li minn dawn il-paġni naġġornawkom dwar il-proġetti missjunarji li tkomplew f'dawn l-aħħar xhur.

**#mission2ethiopia_2015**

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, mill-qlub ġenerużi ta' tant Ġorġjani, ġabret kważi €34,000 li marru għal diversi proġetti fl-art tal-Etjopja. Parti sostanzjali mill-flus miġbura marret għall-bini ta' knisja ġdida ddedikata lil San Ġorġ Martri fil-villaġġ ta' Madiwata. Għal din il-komunità, din il-knisja tfisser post fejn se jiltaqgħu, jistkennu mill-elementi tan-natura, jieħdu t-tagħlim u l-edukazzjoni u fuq kollox fejn jiltaqgħu ma' Kristu. Il-flus miġbura ma kinux biss għall-bini tal-knisja, iżda wkoll sabiex isiru l-bankijiet tal-istess knisja.



Proprju nhar it-28 ta' Jannar 2017 din il-knisja ġiet iddedikata mill-Isqof Markos Ghebremedhin CM, Vigarju Appostoliku ta' Jimma-Bonga. Kien hemm ukoll preżenti Mons. George Grima, fundatur u direttur tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*, li l-grupp ħadem id f'id miegħu sabiex il-proġetti kollha, fosthom tal-bini tal-knisja, isiru realtà.

Meta l-grupp kien qiegħed fl-art imbiegħda tal-Etjopja kien ħa wkoll miegħu kopja tat-titular ta' San Ġorġ Martri ta' Mattia Preti, kif ukoll tabernaklu, sabiex jitpoġġew fl-istess knisja.

**#san ġorGuatemala**

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Parroċċa ta' San Ġorġ bl-għajnuna ta' ħafna benefatturi ġabret is-somma ta' ftit



aktar minn €20,000 kif ukoll kontejner mimli affarijiet utli għall-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala. Parti sostanzjali mill-flus li nġabru, barra l-ispiża biex jintbagħat il-kontejner u x-xiri taż-żebgħa, kienet biex jiġi ffinanzjat il-proġett ta' *borehole* fil-parroċċa fejn jgħix Dun Anton. L-iskop aħħari hu li jkun hemm provvista kontinwa u b'xejn għal min ikun irid jagħmel użu minnha. Minkejja li hemm abbundanza ta' xita, il-ħażna tiegħu hi ineżistenti u allura b'dan il-proġett ikun possibbli li jittella' l-ilma mill-ħażna tal-pjan tul is-sena kollha.




Tifkira kommemorattiva li tpoġġiet qrib il-borehole li tgħid "Proġett ta' sistema mekkanizzata għall-bir grazzi għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria Gozo, Malta, Awwissu 2016".

Sakemm il-grupp kien għadu hemm, il-pompa kienet saret imma x-xogħlijiet kienu għadhom sejrin. Ta' min jgħid li fl-aħħar xhur tas-sena 2016 u fil-bidu tas-sena 2017 ix-xogħol fuq il-*borehole* kważi tlesta u ta' min jgħid li qiegħed jittella' ħafna ilma nadif li hu tajjeb għall-użu tal-ħasil. Fil-fatt, diġà sar ix-xogħol sabiex jibda jintuża.

Il-ġbir tal-flus ma waqafx f'Settembru iżda baqa' għaddej fix-xhur ta' wara, fejn saru xi offerti mit-tfal li attendew in-Novena tal-Milied fil-Bażilika, saret ikla, kif ukoll Kunċert tal-Milied mill-*Piccole Stelle* b'risq il-missjoni tal-Gwatemala.

U l-ħidma għadha għaddejja. Fil-fatt, il-ġbir kollu tal-quddies tal-Ħadd 30 ta' April li sar fil-Bażilika sar b'risq il-missjoni tas-seminaristi Għawdxin fil-Gwatemala li tibda minn hawn u ftit ġimgħat oħra. Is-somma totali laħqet l-€4,254. Minn dawn il-paġni nħeġġukom titolbu għas-seminaristi ta' Għawdex li sejrin xahar ta' missjoni volontarja fil-Gwatemala.



# Diskors fit-Tnedija tal-Ktieb "Il-Kuntratt tal-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex - 2 ta' April 1838"

## Is-Sibt 18 ta' Lulju 2015, Awla Mons. Giuseppe Farrugia

L-awtur Anthony Farrugia

*Wisq Reverendu Mons. Ġużeppi Farrugia, membri tal-Kapitlu Ġorġjan, Sur Anton Tabone, u dawk kollha hawn miġbura li tgħożżu lil San Ġorġ.*




Inġbarna hawn dalgħodu biex naqsmu flimkien dak li nstab fil-kixfa li għamilt tal-kuntratt tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Illum hija okkażjoni speċjali, għax wara tant snin li ilha ssir festa bl-istatwa ta' San Ġorġ u dan il-poplu ma kienx għadu jaf sewwasew kif saret l-istatwa ta' qaddisu, jew kemm swietu flus, jew jekk fl-aħħar mill-aħħar kienx sar kuntratt għaliha, dan issa llum m'għadux aktar. Issa, dan il-ħin, qed issir festa fejn in-nies taf ma' min għandha tifraħ għal dan kollu. Tifraħ għalhekk mal-Arċipriet Fortunato Cutajar li ħa din il-biċċa f'idejh li jordna statwa ta' San Ġorġ, minn flus il-poplu, mill-ġabra li għamel minn fost il-parruċċani tiegħu. Għalhekk San Ġorġ huwa l-istatwa "tal-poplu", "għall-poplu". Tifraħ max-xhieda fuq dan il-kuntratt, il-benestant Emido Dingli u s-Sinjur Giorgio Calleja *ta' Ċensu ta' Piju*. Tifraħ max-xhieda tal-kwittanza, l-Avukat Lorenzo Xuereb *ta' Liena*, u mal-Kanonku tal-Matriċi ta' Għawdex, Dun Antonio Cutajar.

Fuq kollox tifraħ man-Nutar li għandu sar il-kuntratt tal-istatwa ta' San Ġorġ, in-Nutar Nicolò Tabone li kien joqgħod fi Piazza Mercato, is-Suq. Tifraħ ma' martu Vinċenza, ma' wliedu, ulied uliedu u l-ulied tal-ulied u l-ulied tal-ulied tagħhom b'ulied ulied l-ulied, li qegħdin hawn magħna llum. B'kollox illum wasalna fit-tmien ġenerazzjoni tal-familja tan-Nutar Nicolò, in-numru 8 tal-Immakulata Kunċizzjoni. Tifraħ għalhekk ukoll ma' Patri Michel'Angelo Axisa tal-Franġiskani Konventwali u l-fratelli erwieħ tal-Immakulata Kunċizzjoni li mit-tieqa tagħhom jiena rajt il-kuntratt ta' San Ġorġ.

Dawn in-nies li għadni kemm semmejt ma twildux u sabu lil San Ġorġ magħhom fi xbieha sabiħa ta' statwa, bħalma ġara lilna. Aħna twelidna, u l-istatwa ta' San Ġorġ sibnieha magħna. Dawn l-erwieħ li semmejt, meta kienu żgħar ma kellhomx statwa ta' San Ġorġ bħalna, imma dawn li għamlu ta' ġid kien li f'nofs ħajjithom ħolmu li jagħmlu statwa, dawn ħasbu li jagħmlu xbieha ta' San Ġorġ li jkun kapaċi jifhimha kulħadd, mill-iżgħar tarbija li tidħak malli tisma' l-kelma "Ġorġi" sal-ixjeħ fostna li jara lil San Ġorġ qed jistennieh fil-bieb tal-Ġenna. Dawn l-erwieħ fassluh lil San Ġorġ tagħhom, sawruh biex jibqa', u dan huwa *l-ewwel punt* li rrid infisser.

*It-tieni.* Forsi min irid ikun jaf x'fih il-kuntratt għandu jaqra x'hemm miktub fil-ktieb, għax f'dawn il-ftit minuti sejjer nitkellem fuq kif wasalt biex instab il-kuntratt ta' din l-istatwa, li naħseb uħud minnkom jixtiequ jistaqsuni din il-mistoqsija. Kif sibtu?

Jien il-kuntratt ta' San Ġorġ mort għalih biex insibu. Il-kuntratt ma sibtux b'kumbinazzjoni jew waqt li kont qed infittex affarijiet oħra. Biex sibtu għamilt waħda bħalma jgħid il-Vanġelu meta jgħid dan il-vers: "Min ifittex, isib"! Veru wkoll li kont ilni ħames snin niġbor it-tagħrif fuq statwa oħra, taż-żina Marjana tar-Rabat ta' Għawdex, dik tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Franġiskani Konventwali. Jien ma ridtx li nagħlaq l-istorja tagħha mingħajr qabel ma nkun sibt il-kuntratt fuq l-istatwa ta' San Ġorġ, kif fil-fatt għamilt. Għax dawn iż-żewġ statwi saru fl-istess żmien, inħasbu minn nies li għexu ma' xulxin, ġew ordnati kważi ma' xulxin, bl-Immakulata l-ewwel li tkun ordnata. Imma San Ġorġ kien wasal kmieni qabel l-Immakulata. L-Immakulata bħal f'kollox dejjem hija l-Immakulata, trid iktar żmien biex issir, bħal biex saret id-Domma tagħha jew biex saret l-istatwa tagħha f'Għawdex li ma waslitx qabel l-1847.

Hekk ukoll f'din il-kitba. L-istorja tal-Immakulata Kunċizzjoni ktibtha qabel din u għad trid tara d-dawl, imma fit-tarf tagħha bdejt nikteb il-ġrajja tal-istatwa ta' San Ġorġ li ppubblikajt qabilha, għax l-istorja dejjem tirrepeti ruħha. Għax din id-darba reġa' ġara l-istess bħalma ġara fuq l-istatwi.

*It-tielet punt.* Biex sibt il-kuntratt tal-istatwa ta' San Ġorġ kien diffiċli aktar minn dak tal-Immakulata, bejn għax ma kontx naf fejn ser naqbad nibda nfittex, bejn għax fid-dokumenti li jinsabu fl-Arkivju ta' din il-Parroċċa wieħed ma kienx sejjer isib aktar minn tliet nefqiet li setgħu jitfgħu ftit dawl inemnem. Dawn it-tliet ħjilijiet huma:

1. l-ewwel nefqa: il-ħlas lill-mastrudaxxa tan-niċċa;
2. it-tieni żborż: il-ħlas lill-ħaddied li ħadded in-niċċa; u
3. it-tielet spiża: il-ħlas ċkejken lill-iskultur Azzopardi biex dan reġa' sewwa l-istatwa fl-1840.

Mill-bqija ma kien hemm xejn aktar.

*Ir-raba' punt.* Jiena dejjem emmint li fuq din l-istatwa ried bilfors isir kuntratt, għax hekk kienu jagħmlu dak iż-żmien. Jien dan il-kuntratt ridtu. Għaddieli ħsieb għalhekk illi jekk hemm kuntratt, dan jista' biss jeżisti fl-Arkivju Nutarili tal-Istat u mkien aktar. Għalhekk fuq l-għatba tal-Arkivju Nutarili jien mort bħal wieħed agħma iżraq, ma nafx fejn għandi nibda nfittex. Ridt insib soluzzjoni u fassalt ħsieb. L-ewwel ma għamilt kien li qbadt lista tal-Atti tan-Nutara kollha li ħadmu f'Għawdex u minnhom qlajt dawk in-Nutara li kienu qed jaħdmu qrib is-sena 1839, li bejn wieħed u ieħor setgħet kienet id-data li fiha tlestiet



l-istatwa, għalkemm seta' ma kienx il-każ. Minn dan kollu jien ġbart lista ta' sittax-il nutar; jiġifieri f'Għawdex dak iż-żmien kien hemm nutara kważi daqskemm hawn illum. Minn dawn is-sittax-il nutar jiena bdejt nieħu kampjuni tal-Atti tagħhom; biex nagħti eżempju, naqbad nifli l-atti ta' nutar partikulari fit-tali sena. Ngħidu aħna, niftakar l-ewwel li qbadt kien mal-Atti tan-Nutar Michel'Angelo Refalo *ta' Peċikk*, li volum ta' sena waħda huwa m'eħxen xiber tant kemm kien imqabbad dan in-nutar. Imbagħad niftakar kont nibda nifli folju folju, jgħaddu minn quddiem għajnejk bħalma jgħaddi r-riħ, sa ma jitfaċċa l-kuntratt li tkun qed tfittex. Mhix xi impriża faċli, imma lanqas trid taqta' qalbek. Kien hemm drabi fejn ħassejtni li qed naqdef fil-vojt, imma mbagħad nutar waħdu jurik jekk ikunx irid ikellmek jew inkella jkunx irid jaħlilek iż-żmien. Għax nistqarr magħkom li dawn l-erwieħ ikollhom għatx li ħaddieħor ikun jaf bit-tajjeb li għamlu f'ħajjithom. Nistqarr ukoll li jien din il-ġrajja ktibtha biex jaqrawha dawk li huma ħajjin illum u dawk li għad iridu jitwieldu, imma aktar minn hekk, jien ħassejtni fid-dmir li nagħmel minn kitbieti ġakulatorja għall-mistrieħ ta' dawn l-erwieħ li jien iltqajt magħhom fl-Atti tan-Nutara, speċjalment għall-erwieħ tal-fratelli tal-Immakulata Kunċizzjoni li tagħhom in-Nutar Nicolò kien il-Prokuratur, u li ma kienx għalih ukoll l-istatwa tal-Immakulata ma kienet tasal għandna qatt.

*L-aħħar punt* u nagħlaq: *San Ġorġ l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex.* Il-vera tifsira ta' dan il-vers hija din: San Ġorġ huwa l-ewwel statwa titulari għax dakinhar l-Arċipriet Cutajar nieda ħsieb ġdid ta' kif għandhom isiru l-istatwi. X'inhu dan il-ħsieb? Ħsieb sempliċi għall-aħħar, imma daqskemm huwa sempliċi, bil-wisq aktar huwa kbir bil-bosta. Fil-każ tal-istatwa ta' San Ġorġ kien il-poplu li kien qed jagħmel l-istatwa ta' qaddisu, mhux xi fratell jew xi bniedem sinjur li ħallas l-istatwa kollha waħdu. Fil-każ ta' San Ġorġ, kien il-poplu li ried li ssir l-istatwa ta' qaddisu, għaliha ġabar il-flus, fdahom f'idejn l-Arċipriet biex dan jordna x-xbieha tal-qaddis tal-poplu, ħalli titqawwa aktar il-fidi tiegħu. Wara l-Arċipriet Cutajar kien hemm il-poplu, poplu sħiħ li kebbes imħabbtu lejn dan il-qaddis permezz ta' din l-istatwa. Għalhekk San Ġorġ huwa l-ewwel statwa titulari f'Għawdex, għax inġabar minn fost il-poplu, għall-poplu, hija l-istatwa tal-poplu li swiet ta' eżempju għal oħrajn li saru wara.

Hija statwa li kattret fidi, għal 175 sena u wisq aktar. Grazzi u nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

## IT-TRASKRIZZJONI TAL-KUNTRATT TAL-ISTATWA TA' SAN ĠORĠ

[Foglio] 72

[Atto]43

Adi due del Mese d'Aprile xj,, Indiz[ion]e
Mille otto cento trent'otto, 1838

Personalm[ent]e costituiti inanzi noi Not[ajo], e testimoni infr[ascritt]i
il R[everendissi]mo Sig[nor] Arcip[ret]e della S[anta] Matrice, ed Insigne Coll[eggiata]
Chiesa di quest' Isola del Gozo D[otto]r in S[acra] Teologia Don Forutnato Cutajar Goz[ita]no da una parte, e M[ast]ro P[ietro] Paolo Azzuppardi del fù Ant[oni]o Maltese dalla C[ittà] Cospicua dall'altra parte, s[ti]p[ulat]e si sono convenuti, siccome convengono quanto siegue.

Primo, che il d[etto] M[ast]ro Paolo debba fare, siccome s'obbliga di definire perfettam[ent]e fino li 15. Aprile 1839, una statua di legno rappresentante il Glorioso Martire S[an] Giorgio, col suo piedestallo, e tre aste per esser alzato, uniforme al modello dallo stesso M[ast]ro Paolo fatto, ed esibito al d[etto] Sig[nor] Arciprete, anzi poco migliore, senza eccez[ion]e alcuna.

Secondo, che tale statua, e piedestallo debbano esser fatte, dipinte, ed indorate dallo stesso M[ast]ro Paolo secondo le regole dell'arte, ed il legno della d[ett]a statua, di colori, e l'indoratura debbano esser di buona qualità.

Terzo, che qualor detta statua non sarà perfetta-mente eseguita nel modo promesso, e definita nel sù specificato tempo il med[esim]o Sig[nor] Arcip[rete] Cutajar potrà quella rifiutare.

Quarto, che il d[ett]o Sig[nor] Arcip[ret]e Cutajar per prezzo d'essa statua, e suo piedestallo, ed altro ha offerto al d[ett]o M[ast]ro Paolo stip[ula]n[t]e scudi quattro cento della cor[rente] moneta di Malta, quali lo stesso Sig[nor] Arcip[ret]e Cutajar s'obbliga pagare al d[etto] M[ast]ro Paolo in quanto a scudi cinquanta fra un mese cont[abil]e da con-tarsi d'oggi, ed in quanto alli restanti a proporzione della questua, e raccolta che farà esso Sig[nor] Arcip[ret]e, di modo chè tutto quello che raccogliera sarà tenuto di rimetterlo immediatam[ent]e allo stesso Ma[st]ro Paolo in conto, e soddisfaz[ion]e d'esso prezzo, senza ecce[zion]e alcuna.

Quinto, che il d[ett]o M[ast]ro Paolo sarà tenuto di consegnare la de[tta] statua sana nella Ven[eranda] Chiesa figliale di S[an] Giacomo di questo Rabbato a spese però d'esso Sig[nor] Arcip[ret]e, e non altrim[enti].
Quali cose. Onde

Fatto in quest' Isola del Gozo in p[rese]nza delli Sig[nori] Emidio Dingli del fù Sig[nore] M[ichel'] Ang[elo], e Giorgio Calleja figlio di Vincenso Gozita-ni Testimoni.

Io Arcip[re]te Fortunato Cutajar Cont[raente]
Io Pietro Paolo Azzoppurdi Contraente
Io Emidio Dingli Testimonio
Io Giorgio Calleja Testimonio[1]

[1] ANG, *Atti tan-Nutar Nicolò Tabone (1837-1840)*, Nutar 58, Vol. 10, 72.

## IL-KUNTRATT TAL-ISTATWA TA' SAN ĠORĠ, MIĠJUB BIL-MALTI

[Folju] 72

[Att] 43

Illum it-tnejn tax-xahar ta' April, il-ħdax-il indizzjoni,
elf tmien mija u tmienja u tletin, 1838

Personalment jinsabu mlaqqgħin quddiemna, Nutar, u x-xhieda ta' hawn taħt,
ir-Reverendissmu Sinjur Arċipriet ta -Imqaddsa Knisja Matriċi u Insinji Kolleġġjata
ta' din il-gżira ta' Għawdex, ic-Duttur fit-Teoloġija Mqaddsa Dun Fortunato Cutajar, Għawdxi, mill-parti l-waħda, u Mastru Pietro Paolo Azzuppardi, tal-mejjet Antonio, Malti mill-Belt Cospicua mill-parti l-oħra, stipulanti, ġew għal dan u ftiehmu dan li ġej.

L-ewwel, li l-imsemmi Mastru Paolo jrid jagħmel, u għalhekk iwiegħed li jsawwar bl-akbar reqqa, sal-15 ta' April 1839, statwa tal-injam li tirrappreżenta lill-Glorjuż Martri San Ġorġ, bil-pedistall tiegħu u tliet lasti, sabiex ikun jista' jintlaza, uniformi mal-mudell li l-istess Mastru Paolo għamel u wera lill-imsemmi Sinjur Arċipriet, anzi kemxejn aħjar minnu, u mhux mod ieħor.

It-tieni, li tali statwa, u l-pedistall iridu jkunu maħduma, mogħtija l-kulur u indurati mill-istess Mastru Paolo skont ir-regoli tal-arti, waqt li l-injam ta' din l-istatwa, il-kuluri, u l-induratura jridu jkunu ta' kwalità tajba.

It-tielet, li jekk din l-istatwa ma tkunx maħduma mxebbha perfettament ma' dak li ġie mwiegħed, jew ma titlestiex fiż-żmien speċifikat, l-imsemmi Sinjur Arċipriet Cutajar jista' jekk irid, jirrifjutaha.

Ir-raba', li għall-istatwa, il-pedistall tagħha, u l-bqija l-imsemmi Sinjur Arċipriet Cutajar, offra lill-Mastru Paolo stipulant, il-prezz ta' erba' mitt skut tal-munita kurrenti ta' Malta li l-imsemmi Sinjur Arċipriet Cutajar qiegħed iwiegħed li jħallashom hekk lill-Mastru Paolo, kwantu għal ħamsin skut, fi żmien xahar, li jibda jgħodd mil-lum, u għar-rigward tal-bqija, dawn jitħallsu skont ma jkun il-ġbir u skont ir-rakkolta li jrid jagħmel is-Sinjur Arċipriet, b'tali mod, li dak kollu li jdaħħal minnhom irid iwarrbu u jgħaddih minnufih lill-istess Mastru Paolo akkont, u bi tpaċija ta' dan il-prezz u mhux mod ieħor.

Il-ħames, li l-imsemmi Mastru Paolo qed jintalab biex jgħaddi l-imsemmija statwa, sħiħa, fil-venerabbli knisja filjali ta' San Ġakbu ta' dan ir-Rabat, bl-ispejjeż għall-imsemmi Sinjur Arċipriet u mhux mod ieħor.
Għal dawn l-affarijiet u għalhekk.

Magħmul f'din il-gżira ta' Għawdex, fil-preżenza tas-Sinjuri Emidio Dingli tal-mejjet is-Sinjur Michel'Angelo, u Giorgio Calleja bin Vincenso, xhieda Għawdxin.

Jien Arċipriet Fortunato Cutajar, kontraent
Jien Pietro Paolo Azzoppurdi, kontraent
Jien Emidio Dingli, xhud
Jien Giorgio Calleja, xhud

*Misjub minn Anthony Farrugia nhar it-18 ta' Awwissu 2014, fl-Atti tan-Nutar Nicolò Tabone, fl-Arkivju Nutarili ta' Għawdex, hekk kif kien daqq nofsinhar.*

# Mons. Alfons Marija Hili (1865-1944)

## Isem li jidwi mal-Belt Victoria u li jitleħħen fil-Bażilika Ġorġjana

(It-Tieni Parti)

Fabian Mangion

**Arċipriet tal-Belt Victoria**

Nhar it-22 ta' Mejju 1917 ġriet l-aħbar tal-mewt tal-Arċipriet tal-Belt Victoria, Mons. Feliċ Refalo, li kien ilu Arċipriet għal tmienja u erbgħin sena. Fl-1 ta' Diċembru 1917, fost il-ferħ tan-nies tal-istess belt, dwiet il-bxara li Mons. Alfons kien ġie magħżul biex ikun l-Arċipriet il-ġdid.[30] Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 1918, jum il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl, huwa ġie mogħti l-pussess fil-knisja Katidrali, u l-Ħadd 27 ta' Jannar 1918 ġie mogħti l-pussess fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.[31]



Ritratt li qed jiġi ppubblikat għall-ewwel darba li juri lil Dun Alfons aktarx ftit wara li laħaq Kanonku tal-Katidral ta' Għawdex.

L-Arċipriet Alfons Marija Hili kien bniedem ta' karità kbira. Hija tjieba li huwa wettaq l-iktar meta sar jaf aktar mill-viċin il-qagħda tal-parruċċani tiegħu. Nistgħu ngħidu, għalhekk, li Dun Alfons kien mogħni wkoll b'qalb nobbli li tagħraf tħobb u turi ħniena fil-konfront tal-batut. Jingħad li qabel it-Tberik tal-Familji fi żmien l-Għid il-Kbir, huwa kien iħejji flus tal-fidda biex inewwilhom lill-familji fqar fejn kien jidħol ibierek. Fis-satra tal-lejl, huwa kien jibgħat għotjiet ta' ikel għand familji fil-bżonn. Lil dawn kien anki jixtrilhom lożor u kutri fi dħul ix-Xitwa. Huwa kien saħansitra jixtri magni tal-ħjata għall-familji fqar biex b'hekk iħajjar lil xi ħadd mill-ulied jitgħallem is-sengħa tal-ħjata u b'hekk ikun jista' jwieżen lill-familja fl-għajxien tagħha.[32] Kienet tabilħaqq idea tajba u ġusta li biex l-Arċipriet Hili ma jintesiex u jibqa' mfakkar bħala Arċipriet ta' karità kbira, parti minn Triq il-Karità tiġi msemmija għalih!

F'dan il-qasam kbir u mwiegħer, aħna naraw fl-Arċipriet Hili l-ħaddiem bla mistrieħ, ir-ragħaj it-tajjeb li jisraq is-sigħat lill-irqad biex jgħasses u jindokra n-nagħġiet tiegħu. Huwa fassal programm ta' ħajja ġdida; ir-ruħ ta' din il-ħajja ġdida, jiġifieri l-ħajja parrokkjali, kellha tkun il-ħajja Ewkaristika. Kien hu, fil-fatt, li daħħal fil-parroċċa d-devozzjoni tal-Kwaranturi,[33] il-festa ta' San Ġużepp, il-funzjoni tal-lejl qaddis tal-aħħar tas-sena u devozzjonijiet oħra.[34]

Hawn ma tistax titħalla barra l-imħabba ta' Mons. Hili lejn il-martri San Ġorġ, Patrun tal-gżira Għawdxija. L-innu *A San Giorgio Martire* li ħareġ mill-pinna mużikali ta' Mro Giuseppe Giardini Vella, kien lest fl-1930 u esegwit għall-ewwel darba lejlet il-festi ta' San Ġorġ f'Mejju 1931.[35] Din l-ewwel eżekuzzjoni kienet saret fit-Tokk (illum Pjazza Indipendenza). It-tenur Paolo Galdes u l-baritonu Amabile Mamo kantaw il-partijiet solo flimkien mal-kor. Kien iżda fl-1934, u fuq l-insistenza tal-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili, li dan l-innu ġie esegwit għall-ewwel darba fil-bidu tal-Purċissjoni Pontifikali li toħroġ mill-Kolleġġjata f'jum San Ġorġ.[36]



Ritratt ta' Mons. Hili bħala Arċipriet tar-Rabat, miżmum fl-Arkivji tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

Fl-1938, l-Arċipriet Hili kien qed ifakkar il-Ġublew tad-Deheb saċerdotali tiegħu. Huwa ċċelebra dan l-avveniment b'Quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fit-8 ta' Mejju 1938, assistit minn żewġ kappillani. F'din l-okkażjoni, Dun Alfons innifsu għamel diskors kommoventi u ntona t-*Te Deum*.[37]

Mons. Hili, fl-1940, għalaq ħamsa u sebgħin sena. Kien żmien meta l-popolazzjoni tar-Rabat żdiedet qatigħ bil-miġja ta' bosta refuġjati minn Malta. Għalhekk, Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex,[38] ħaseb biex lil Dun Alfons jagħtih l-għajnuna bħala ragħaj spiritwali tar-Rabat. Din l-għajnuna waslet bid-digriet tat-12 ta' Novembru 1940 u li permezz tiegħu, l-Isqof ħatar lil Mons. Mikiel Cefai bħala *vicarius adjutor*.[39]

Meta dan il-parrokat twil kien qed joqrob lejn l-aħħar snin tiegħu, l-Arċipriet Hili sab ukoll għajnuna siewja mingħand diversi saċerdoti oħra li kienu jagħtu servizz pastorali kemm fil-parroċċa stess u kemm 'l hemm minnha. Dawn kienu Dun Mikiel Vella,[40] Dun Mikiel Grech, Dun Karm Hili,[41] Dun Karm Sacco,[42] Dun Ġwann Battista Meilak,[43] Dun Ġwann Grech,[44] Dun Pawl Micallef[45] u Mons. Salv Tabone.[46] Wieħed ma jridx jinsa l-fatt li, f'dan il-perjodu, il-Belt Victoria kellha numru ta' saċerdoti ġodda li, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, kollha kienu jiċċelebraw l-ewwel Quddiesa solenni tagħhom fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[47]

*Ħabbejt mhux biss lill-parruċċani tiegħek*
*imma ħabbejt ukoll lill-Għawdxin kollha*
*meta fil-Parlament il-poplu għażlek*
*biex tkun missier li jħares lil uliedu*
*mhux biss fil-ħwejjeġ l'huma spiritwali*
*'mma materjali wkoll għall-ġid ta' ħutek.*[48]

**Membru tal-Assemblea Leġislattiva**

L-imħabba li kellu Mons. Hili ma kinetx twassal biss sal-konfini tar-Rabat; ma kinetx riservata biss għall-parruċċani tiegħu fil-Belt Victoria. Bħal missier ta' veru li



Kwadru bi profil tal-Arċipriet Hili mdendel fis-Sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ, xogħol Robert Caruana Dingli fl-1926.

jħares lejn uliedu, mhux biss fil-ħwejjeġ spiritwali, imma wkoll f'dawk li huma materjali, huwa dejjem kellu fi ħsiebu lill-poplu kollu ta' Għawdex u dejjem xtaq li jkun ta' sokkors għalih. Mhux ta' b'xejn li huwa kien is-saċerdot ta' kulħadd!

Fl-elezzjoni tal-1921 kienu ħadu sehem erba' partiti.[49] Dawn kienu l-*Unione Politica Maltese*, li kienet taħt it-tmexxija ta' Mons. Ignatio Panzavecchia; il-Partit Kostituzzjonali, li kien immexxi mill-Konti Sir Gerald Strickland; il-Partit Laburista taħt it-tmexxija tal-Kurunell William Savona; u l-Partit Demokratiku Nazzjonalista mmexxi mill-Avukat Nerik Mizzi, li miegħu kkontesta Dun Alfons. Dan tal-aħħar kien ħareġ biss għad-distrett ta' Għawdex u Kemmuna li flimkien kienu jiffurmaw it-Tmien Distrett Elettorali. Il-Partit Demokratiku Nazzjonalista kien kiseb 2,465 vot.[50] Meta wieħed iqis li l-kwota fuq dan id-distrett kienet ta' 559 vot, il-partit li aktar 'il quddiem sar il-Partit Nazzjonalista tal-lum kien kiseb erba' kwoti u allura kiseb is-siġġijiet kollha fi żmien meta minn kull distrett elettorali kienu jitilgħu erba' deputati.[51]

Kien l-Arċipriet Hili li meta kien membru parlamentari talab u qala' għall-Għawdxin il-bidu ta' servizz ġdid tal-vapur mill-Marfa għall-Imġarr ta' Għawdex.[52] Bħala membru ta' din l-Assemblea, huwa tkellem għall-ifqar fost l-Għawdxin. Tkellem għal dawk li kienu fil-miżerja, mhux għax ma ridux jaħdmu, imma għaliex xogħol ma kienx hemm. F'waħda mis-seduti huwa qal: *"Il Gozo finora è rimasto in una piena dimenticanza... è venuto il tempo di fare giustizia"*.[53]

Kien jispikka f'Mons. Hili l-fatt li, għalkemm kien deputat li tela' f'isem partit politiku, id-diskorsi tiegħu la kienu settarji u lanqas ma kienu marbuta ma' ideoloġija politika. Huwa tant kien jixtieq il-ġid tal-bniedem u tal-pajjiż, li d-diskorsi tiegħu kellhom aspirazzjonijiet universali għall-poplu kollu.[54]

**Benefattur tal-Bażilika ta' San Ġorġ**

Imma l-iktar li baqa' jissemma Mons. Hili kien għaż-żelu li wera biex ikabbar u jsebbaħ it-tempju ta' Alla. Kif laħaq Arċipriet, nistgħu ngħidu li sab il-knisja ta' San Ġorġ imneżżgħa minn kull tiżjin. Għaldaqstant, malajr indaħal biex iżejjen kif jixraq dan it-tempju, illum Bażilika Lateranensi. Kont taraħ jitħabat, iħabbat bieb bieb biex jiġbor xi ħaġa. Iżda l-Arċipriet Hili ma kienx biss iħabbat bieb ħaddieħor biex jagħmel l-opri: l-ewwel li ħabbat kien biebu stess.

L-Arċipriet Hili, flimkien mar-rieda żonqrija tal-aħwa Portelli, Mons. Teżorier Franġisk u ħuh Ġużeppi, fetaħ l-isbaħ żmien għal din il-knisja parrokkjali. Sa mid-19 ta' Awwissu 1935, il-knisja ġiet imkabbra u msebbħa billi żdidulha n-navi, inbnew il-kappelli ta' Ġesù u Marija u tal-Kurċifiss, inħatt is-saqaf il-qadim u nbena ieħor f'għamla ta' *troll di bomba*, u saru ż-żewġ absidi tal-kappelluni laterali.[55] Kumpless arkitettoniku tabilħaqq komplut! Barra minn hekk, saru diversi opri sbieħ fl-istess knisja. Fost dawn kien hemm l-apparat aħmar tal-bellus tal-Festa, irrakkmat bid-deheb f'Lyons fi Franza,[56] li kien rigal tal-Arċipriet innifsu, il-qniepen,[57] l-irħam taz-zokklatura, il-paviment tal-irħam tal-presbiterju, u opri oħra.

*Benefattur mill-kbar tal-Maqdes tagħna*
*bi mħabba ddedikat lil San Ġorġ Martri*
*fejn inti ħdimt, bla qatt ma ħarist lura,*
*bħala Missier Ragħaj tal-Erwieħ, bil-għożża,*
*maħbub mill-parruċċani tal-imgħoddi,*
*ukoll ta' żmienna, minqux f'qalbna għal dejjem.*[58]

Fuq kollox, irid jingħad li sa minn mindu kien saċerdot novell, Dun Alfons kellu ħolma mill-isbaħ, ħolma li kibret miegħu. Dun Alfons kien jasal bil-ħarsa tiegħu sas-sena 1693, u fuq id-djar ġwejda tal-Parroċċa ta' San Ġorġ kien jilmaħ tiddomina koppla fuqana, li biex titgħolla ġarr il-ġebel l-istess Gvernatur ta' Għawdex Francesco de Corduba, flimkien mal-ħabrieki Kappillan Anġlu Bonnici.



L-aħwa Hili flimkien mal-ġenituri tagħhom f'ritratt tal-familja kollha.



It-tubru armat f'ġieħ Hili fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu.

Imbagħad, fil-11 ta' Jannar 1693, l-art triegħdet b'terremot li jwaħħax u l-koppla, peress li kienet ħasset sewwa, kellha tinħatt u baqgħet ma nbnietx. Imma l-Arċipriet Hili fil-ħolma tiegħu baqa' jara dik il-koppla wieqfa u ssebbaħ il-panorama tal-Belt Victoria.[59] Illum il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, bin-navi u bil-koppla, hija monument mill-isbaħ tal-arti, imma fuq kollox monument tal-ħidma tal-Arċipriet Alfons Marija Hili.

Quddiem dik id-dehra, quddiem ħolma li saret realtà, Mons. Hili refa' ħarstu lejn is-sema u talab: *"Nunc dimittis servum tuum Domine"*. U Alla, fl-aħħar lejla tas-sena 1943, sema' t-talba tal-ħaddiem għajjien u wara li kkonfortah bil-faraġ tas-sagramenti tiegħu f'din id-dinja, sejjaħlu għall-premju ta' dejjem fis-Sema. Huwa miet fid-dar tiegħu fi Triq il-Librerija. Dakinhar, mhux biss il-Parroċċa ta' San Ġorġ kienet ġarrbet it-telfa tal-akbar benefattur tagħha, imma Għawdex kollu.[60]

Nhar it-2 ta' Jannar 1944, il-katavru tiegħu ttieħed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn ġie espost. Minn hemm, il-funeral telaq lejn il-Katidral ta' Għawdex fejn saru l-funerali. Il-Parroċċa ta' San Ġorġ sellmet lil Mons. Hili b'tabelli li fuqhom kien hemm skrizzjonijiet tal-okkażjoni u l-bandisti tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* ħadu sehem fil-funeral bl-uniformi. Ħdejn il-*Banca Giuratale*, il-funeral kellu jieqaf biex jistkenn minħabba x-xita. Għalkemm it-temp kien ħażin, l-imħabba qanqlet lill-poplu Rabti, li baqa' tiela' miegħu fix-xita nieżla, biex jagħtih l-aħħar sinjal ta' qima u jbierek it-tifkira tiegħu.

F'għeluq ix-xahar minn mewtu, fit-3 ta' Frar 1944, it-tokki kiebja, solenni tal-qanpiena l-kbira ta' San Ġorġ reġgħu nstemgħu fil-melodija tagħhom li tikser il-qlub, isejħu lill-parruċċani biex itennu t-tislima tagħhom lil Dun Alfons, din id-darba fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Għal din l-okkażjoni, kien preżenti Mons. Mikiel Gonzi, issa Arċisqof ta' Malta, u bosta membri tal-kleru Għawdxi.[61] L-Orazzjoni Funebri saret minn Mons. Pentenzier Mikiel Cefai, Vigarju Kurat taż-żewġ parroċċi tar-Rabat.[62]

L-Arċipriet Hili jinsab midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija tal-Belt Victoria. Barra mill-arma tiegħu fil-faċċata tan-navijiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, jinsab ukoll ritratt tiegħu fis-Sagristija tal-istess Bażilika. Xieraq li aħna li qed ngħixu llum, ma nħallu lil xejn u lil ħadd ixekkilna milli niftakru f'dan is-saċerdot li jibqa' jiddi tul is-snin bħala l-ġieħ tal-Knisja u s-sebħ ta' art twelidu.

**Figura maestuża**

F'dan l-anniversarju tal-mija u ħamsin sena mit-twelid ta' din il-"figura maestuża",[63] huwa aktar minn xieraq li, filwaqt li nġeddu l-memorja ta' dan l-Arċipriet, irroddu ħajr lil Alla li kien tana xempju ta' veru ragħaj ta' din il-parroċċa għażiża. Hija, fuq kollox, memorja ta' saċerdot mogħni bl-għerf, bl-għaqal, bil-ħeġġa pastorali, bid-disponibbiltà u bil-lealtà li tixraq lill-Knisja, bir-rigorożità miegħu nnifsu u l-ġenerożità ma' ħaddieħor. Hija memorja ta' patrijott li mħabbtu lejn pajjiżu ma wrihiex fit-tixrid tal-ideoloġija, imma f'ħidma għall-benefiċċju konkret tal-



Il-Funeral tal-Arċipriet Hili ħiereġ minn San Ġorġ fit-2 ta Jannar 1944.


Tifkira Għażiża

NITOLBU BIL QALB
IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM
GĦAR-RUĦ GĦAŻIŻA
TAL-ĦABRIEKI RAGĦAJ TAGĦNA
TAT-TAJJEB MISSIERNA
REV. MU. ALFONS. M. HILI PREL. DOM.
ARĊIPRIET – KAPPILLAN
TAL BELT VICTORJA
LI, TA 79 SENA
FIL 31 TA' DIĊEMBRU 1943.
GĦANI BI KBAR MERITI
TELAQ GĦAL ĦDAN ALLA
U ĦALLIENA ILTIEMA
NIBKU IT-TELFA TIEGĦU.
R. I. P.
GESU' MARIJA ( IND. 300 JUM ).
GESU' TIGĦI ĦNIENA ( IND. 300 JUM ).

Is-santa tifkira ta' Mons. Alfons Maria Hili.

poplu. Hija memorja ta' iben il-Knisja li ħabb lil ommu u serviha b'lealtà u b'ubbidjenza.

U biex it-tifkira tal-Arċipriet Hili ma tgħibx, ulied il-Parroċċa Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ ħasbu biex tinkixef lapida mad-dar, fil-pjazzetta ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, fejn huwa għex u miet.[64] U daqslikieku dan ma kienx biżżejjed, huma waqqfulu wkoll monument għal dejjem, tal-bronż u rħam, fil-maqdes Ġorġjan.[65] Dan kollu sar biex ta' warajna jkunu jafu min huwa l-Arċipriet Hili, xempju ħaj għas-saċerdoti u għall-poplu.

*Mill-ġdid jien insellimlek, għax int tagħna*
*tibqa' l-ġieħ u ż-żîna u tal-kleru*
*hemm ġewwa qalbna sa ma s-snin itemmu*
*jibqa' b'ittri tad-deheb minqux bla temma –*
*biex nistgħu ngħaddu darba lil uliedna –*
*l-isem maħbub t'Alfons Marija Hili.*[66]

## Noti

[30] In-nuqqas ta' ftehim bejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u l-knisja parrokkjali tal-Assunta fil-Kastell kien ilu jeżisti sa mill-bidu tas-seklu sittax u baqa' għaddej tul is-seklu kollu. Fl-1630, l-Arċipriet Dun Salv Pontremoli kien tal-fehma li dawn iż-żewġ parroċċi jingħaqdu. Iżda dak li ma seħħx fl-1630, seħħ fl-1689 fi żmien l-Isqof Davide Cocco Palmieri. F'dik is-sena, Dun Karlu Magri, l-Arċipriet tal-Matriċi, talab lill-Isqof biex il-Parroċċa ta' San Ġorġ tingħaqad mal-Arċipretura tiegħu. Hekk sar, u minn dakinhar, l-Arċipriet tal-Matriċi sar ukoll il-Kappillan ta' San Ġorġ. Mal-mixja tas-snin, din l-unjoni bdiet toħloq ċerti problemi, nuqqas ta' ftehim u nkwiet. B'żieda ma' dan, fis-seklu dsatax, fir-Rabat qam ferment biex f'San Ġorġ titwaqqaf Kolleġġjata Lateranensi. Il-moħħ wara dan il-proġett kien Mons. Giuseppe Farrugia, magħruf bħala 'Tal-Vers'. Għalkemm Mons. Ġwanni Marija Camilleri OESA, l-Isqof ta' Għawdex, ta l-approvazzjoni tiegħu, kif ukoll kien favur l-Abbati Ġenerali tal-Kapitlu Regulari tal-Lateran, li miegħu kellha tingħaqad il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, qamu bosta polemiki u diskussjonijiet. Wara s-snin tal-Gwerra, reġgħu bdew il-laqgħat u fl-1 ta' Awwissu 1955, Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, bil-permess tas-Sede Appostolika f'Ruma, neħħa l-unjoni li kienet fis-seħħ sa mill-1689. Kellha tkun din is-separazzjoni li wasslet għal pass ieħor importanti fl-istorja tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, meta b'digriet tal-Papa Piju XII, bid-data tas-6 ta' Settembru 1958, din ġiet mogħtija l-unur ta' Bażilika, l-ewwel parroċċa fil-gżira Għawdxija. Il-Bażilika ġiet mogħtija wkoll il-ġieħ ta' Kolleġġjata fit-8 ta' Diċembru 1975. Fis-6 ta' Lulju 1976, il-Kolleġġjata ġiet mgħaqqda mal-Lateran, il-Katidral ta' Ruma u Omm il-Knejjes kollha (JOHN BEZZINA, "Rabat: San Ġorġ", f'*Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u Għawdex*, Malta 1994, pp. 167-169).

[31] *Id-Devot ta' Marija*, Frar 1918, p. 24.

[32] NIKOL VELLA APAP, "L-Arċipriet Mons. Alfonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1988, p. 41.

[33] "Aħna nitolbu lil Ġesù Sagramentat li jagħti lil Mons. Arċipriet Hili ħajja twila sabiex dejjem ikompli jkabbar dawn il-Kwaranturi, li hu ried ikun biex ikollhom il-kobor li għandhom illum" (*Ġesù Ewkaristija*, Lulju 1938, p. 51). Aktar 'il quddiem, mill-flus li kien daħħal meta kien fl-Assemblea Leġislattiva, Mons. Hili kien ħallas għall-apparat abjad tal-imbrokkat għall-festi tal-Kwaranturi. Dan l-apparat kien jinkludi erbgħa u għoxrin pjaneta stil Ruman, seba' kapep u tliet tuniċelli. Għal dawn il-festi, minn Malta huwa kien xtara wkoll baldakkin sabiħ bil-paletti rrakkmati bid-deheb. Kien hu wkoll li ħareġ il-flus għat-tużell ġdid tal-Kwaranturi u għall-ġirandola. Dawn iż-żewġ opri, li llum jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' San Pietru fil-Ktajjen, Birżebbuġa, kienu saru fis-sena 1928. It-tużell inħadem minn Mastru Mikiel Farrugia (magħruf bħala 'tas-Seba' Soldi') mir-Rabat ta' Għawdex fuq disinn tiegħu stess. Inħadem fil-ħanut tax-xogħol tiegħu li kien fi Triq il-Karità (illum Triq Alfons Marija Hili). Dan Mikiel, barra li kien skultur, kien ukoll surmast magħruf f'Għawdex. Fil-fatt hu kien surmast tal-Banda *San Ġużepp* ta' Għajnsielem u tal-Banda *Victory* tax-Xagħra. Kien ukoll solista mal-Banda *La Stella* tal-Belt Victoria. Dan it-tużell hu maħdum fuq stil Barokk, kif kien jixraq lill-Kolleġġjata Ġorġjana. Is-sopraporti ta' mad-dawra fihom xogħol fin u dettaljat ta' skultura. Fuq quddiem naraw skolpit il-ħaruf li jissimbolizza l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Fuq wara tat-tużell kienet ġiet skolpita l-arma tal-martirju ta' San Ġorġ. Kien hemm xi żmien meta din l-arma kienet se tiġi modifikata sabiex tiġi tirrappreżenta l-martirju ta' San Pietru. Iżda kien ġie deċiż li l-arma tibqa' kif skolpiha Mastru Mikiel Farrugia, sabiex b'hekk tibqa' tifkira ħajja tal-oriġni ta' dan it-tużell. Wara li tlesta t-tużell, in-nies tal-Belt Victoria ħadu ħsieb sabiex jagħmlu ġirandola li tkun tixraqlu. Din saret fuq disinn ta' Abram Gatt. Mhux magħruf l-iskultur li ħadimha, iżda jista' jkun li nħadmet minn Mikiel Farrugia wkoll. Bħat-tużell, hi maħduma fuq stil Barokk u fiha ħafna xogħol dettaljat ta' skultura. L-istellarju kbir ta' warajha jkompli jagħmel din il-ġirandola aktar maestuża. Kif sabu ruħhom f'Birżebbuġa? Meta l-knisja arċipretali ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika fl-1958, kien hemm xi opri li ma setgħux jibqgħu jintramaw. Għalhekk kienet ġiet meħuda deċiżjoni li dawn l-affarijiet jinbiegħu lil parroċċi oħra f'Malta u Għawdex. Meta Dun Ġużepp Minuti, Kappillan ta' Birżebbuġa, sema' bl-aħbar mill-ewwel interessa ruħu; tela' minnufih Għawdex u ta kelma lill-Prokuratur tal-Bażilika Mons. Anton Grech Vella li hu kien se jixtri t-tużell tal-Kwaranturi, il-ġirandola u xi affarijiet oħra, fosthom sett ta' sitt Appostli li jintramaw fil-Festa titulari fuq l-Altar Maġġur u sett gandlieri li jintramaw fuq l-Altar tar-Rużarju. Dawn kienu waslu f'Birżebbuġa f'Novembru 1964 (C. D'AMATO, "It-Tużell u l-Ġirandola jiċċelebraw l-Anniversarji", f'*Minn Qalb l-Iljuni*, Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa 1990, Festa 2004).




Il-mafkar f'ġieħ l-Arċipriet Hili fil-Kappellun ta' San Pawl.

[34] Nikol Vella Apap, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Festa San Ġorġ*, Victoria 1998, p. 43.

[35] Nota qasira minn Mro Giardini Vella nnifsu fuq il-partitura oriġinali tgħid: *"composto nel 1930 prima esecuzione 1931".*

[36] George Borg, "St George's hymn-cantata", f'*The Sunday Times*, 26 ta' Novembru 2006.

[37] *La Lucerna*, Ġunju 1938, p. 144.

[38] Mons. Mikiel Gonzi, iben il-Belt Vittoriosa, kien Isqof ta' Għawdex mill-1924 sal-1943, meta kien ġie msejjaħ biex ikun Arċisqof ta' Malta. Huwa miet fl-1984.

[39] *La Lucerna*, Diċembru 1940, p. 266. Fil-fatt, Mons. Cefai, li kien il-Kanonku Penitenzier tal-Katidral, kien ilu jagħti l-għajnuna tiegħu f'San Ġorġ minn Lulju 1939.

[40] Fis-7 ta' Ġunju 1937 kien ġie maħtur Kappillan tal-Isptar *Santa Tereża*.

[41] Kien jiġi ħu l-Arċipriet, u billi kien il-Prokuratur tal-knisja, kien magħruf bħala Dun Karm il-Prokuratur.

[42] Kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Altari ta' San Mikiel u San Ġużepp.

[43] Kien ukoll Kappillan il-Isptar *Chambray*.

[44] Kien Prokuratur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

[45] Kien Sagristan Maġġur u aktar tard waqqaf l-Oratorju Don Bosco.

[46] Kien Kappillan tal-Isqof.

[47] Winston L. Zammit, "Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex 1935-1943", f'*Il-Belt Victoria*, Jannar-Frar 2010, p. 9.

[48] Joe Mejlak, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.

[49] Fis-7 ta' Ġunju 1919, meta bdiet tiltaqa' l-Assemblea Nazzjonali biex tfassal it-talbiet għal Kostituzzjoni ġdida, faqqgħu l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* meta f'dimostrazzjoni ta' protesta fil-Belt Valletta, is-suldati Ingliżi fetħu n-nar fuq il-Maltin u qatlu erba' mid-dimostranti. Dan kollu wassal biex fl-1921 il-Gvern Ingliż ta lil Malta Kostituzzjoni ġdida msejħa tas-*Self Government*, li ħadet post dik tal-1903. B'din il-Kostituzzjoni, Malta seta' jkollha, għall-ewwel darba, Gvern Responsabbli li seta' jagħmel liġijiet fi ħwejjeġ lokali mingħajr l-indħil tal-Gvern Ingliż. Għall-ewwel darba wkoll Malta kellha Parlament li kien jissejjaħ Kamra tar-Rappreżentanti. Kien hemm ukoll is-Senat li ried japprova l-liġijiet fil-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-Kap tal-Gvern Malti kien jissejjaħ Prim Ministru u kellu sitt ministri oħra fil-Kabinett. L-elezzjoni għall-Parlament kienet issir kull tliet snin u setgħu jivvutaw biss irġiel fuq il-wieħed u għoxrin sena.

[50] F'din is-sena kien hemm żewġ elezzjonijiet: waħda għas-Senat li saret fil-5 u s-6 ta' Ottubru, u l-oħra għall-Assemblea Leġislattiva li saret fit-18 u d-19 ta' Ottubru. Għall-elezzjoni tas-Senat kien hemm żewġ distretti elettorali biss, filwaqt li għall-elezzjoni tal-Assemblea Leġislattiva, Malta, b'popolazzjoni ta' 212,258 ruħ, kienet maqsuma fuq tmien distretti. Mons. Alfons Maria Hili kien ġie elett, bl-akbar ammont ta' voti, flimkien mal-Avukat Nerik Mizzi, l-Avukat Lwiġi Camilleri u l-Avukat Ġużeppi Micallef. L-ewwel Prim Ministru Malti kien Joseph Howard. Fl-1 ta' Novembru 1921 il-Prinċep ta' Wales inawgura l-ewwel Parlament Malti (Michael Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1984*, pp. 23-36).

[51] Il-Partit Demokratiku Nazzjonalista kien partit ġdid u ħareġ għall-ewwel darba f'din l-elezzjoni. Dan il-partit ikkontesta biss f'Għawdex u l-erba' kandidati tiegħu kienu ġew eletti. Dan kien rekord assolut (Raymond C. Xerri–R.J. Mejlak, *Il-Partit Nazzjonalista – Il-Partit ta' Għawdex*, Malta 2000, pp. 30, 39-40).

[52] Xieraq hawn jingħad li sa mit-13 ta' Ġunju 1885 u fuq insistenza ta' Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex, mal-Gvern tal-ġurnata ttieħdu l-passi meħtieġa biex inbeda servizz ta' trasport irħis u regolari bil-baħar bejn il-Port il-Kbir u l-Imġarr, Għawdex, li sa dak iż-żmien kien għadu ma jeżistix. Il-kuntratt tas-servizz kien ġie mogħti lill-Kavallier Gollcher li qiegħed il-vapur ġdid tal-istim *Gleneagles* għal dan is-servizz (M. Cassar, *The Malta-Gozo Connection*, Malta 2014, pp. 37-38)

[53] Ġużeppi Farrugia, Diskors fl-okkażjoni tal-Kxif tal-Monument f'ġieħ l-Arċipriet Alfons M. Hili, Bażilika San Ġorġ, 14 ta' Jannar 1996 (*Il-Belt Victoria*, Marzu-April 1996, p. 5).

[54] Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta, Diskors fl-okkażjoni tal-Kxif tal-Monument f'ġieħ l-Arċipriet Alfons M. Hili, Bażilika San Ġorġ, 14 ta' Jannar 1996 (*Il-Belt Victoria*, Marzu-April 1996, p. 3).

[55] Il-proċess tat-tkabbir tal-knisja ntemm ħames snin wara, f'Lulju 1940. Ix-xogħol kien sar mill-imgħallem bennej Saver Vella (Nikol Vella Apap, "Ħamsin sena mill-bini tan-navijiet", f'*Festa San Ġorġ*, Għawdex, Lulju 1985, pp. 27-33). F'dan il-perjodu wkoll, l-Altar ta' San Mikiel saritlu mensla ġdida tal-irħam, spejjeż ta' Dun Ġwann Battista Meilak, u bil-flus ta' M.A. Galea ġew irranġati l-prospettivi ta' diversi altari (*Leħen is-Sewwa*, 7 ta' Mejju 1952).

[56] Dan l-apparat, li għadu jintuża kull sena fil-Festa ta' San Ġorġ, kien ġie mżanżan għall-Festa ta' San Ġorġ tas-sena 1926. L-apparat, li jikkonsisti f'sitt kapep, żewġ tuniċelli, kappa għaċ-ċelebrant, tuniċella tal-kruċifru u pjaneta stil Ruman għall-Quddiesa Pontifikali, kien sar fuq disinn ta' Abram Gatt. Il-kanopew tal-bellus aħmar bir-rakkmu tad-deheb, li kien sar ukoll f'Lyons u li huwa wkoll disinn ta' Abram Gatt, kienet ħallset għalih oħt l-Arċipriet, is-Sinjorina Marija Hili.

[57] Is-sett ta' ħames qniepen sar fis-sena 1925 mid-Ditta *Barigozzi* ta' Milan. L-Arċipriet Hili kien ħallas għar-raba' qanpiena li fil-fatt iġġib ismu – Alfonsu – u tissejjaħ "Fonsa".

[58] Joe Mejlak, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.

[59] Kellhom jgħaddu mitejn u ħamsin sena biex inbniet il-koppla li naraw illum fuq id-disinn ta' Ġużeppi Portelli. Filwaqt li l-Arċipriet Hili kien ħareġ il-flus għall-bini tan-navi u s-saqaf flimkien mal-aħwa Portelli, huwa kien ħallas minn butu għall-bini tal-koppla. Tajjeb hawn jingħad li l-Festa ta' Ġorġ tas-sena 1940 ma saritx, kawża tax-xogħol li kien qed isir fil-bini tal-koppla (*La Lucerna*, Mejju 1940, p. 124).

[60] F'dan il-jum, il-knisja ta' San Ġorġ kienet armata kollha bid-damask aħmar għall-festa ta' Ġesù u Marija u fl-istess lejl li fih miet l-Arċipriet Hili, dan inbidel kollu, u l-għada sebħet imlibbsa bid-damask iswed bħala sinjal ta' luttu (Nikol Vella Apap, "L-Arċipriet Mons. Afonsu Marija Hili Prel. Dom.", f'*Il-Belt Victoria*, Novembru-Diċembru 1998, p. 4).

[61] Għal din l-okkażjoni, intrama t-tubru f'nofs il-korsija u l-altar maġġur kien armat bil-gandlieri li jintużaw għall-Festa ta' San Ġorġ (Ġużeppi Gauci, "Il-funeral tal-Arċipriet Alfons Marija Hili", f'*Il-Belt Victoria*, Lulju-Awwissu 2010, p. 6).

[62] Mons. Cefai, ftit xhur wara, kellu jkun is-suċċessur tiegħu bħala ragħaj spiritwali taż-żewġ parroċċi tal-Belt Victoria.

[63] Mikiel Cefai, *Orazzjoni Funebri*, p. 17.

[64] Din il-lapida ġiet inawgurata nhar it-13 ta' Jannar 1996 mill-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex, u tbierket minn Mons. Emanuel Mercieca, Arċipriet emeritu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ.

[65] Dan il-monument, fil-Kappella ta' San Pawl, ġie inawgurat nhar l-14 ta' Jannar 1996 mill-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta, u tbierek mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Filwaqt li l-bażi tal-irħam inħadmet minn Raymond Bonello, il-mezzobust ta' Mons. Hili huwa xogħol fondut fil-bronż mill-imgħallem Ġużeppi Chetcuti.

[66] Joe Mejlak, *Lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili*, Jannar 1996.

*Ħajr lill-Arkivji tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex u tas-Soċjetà La Stella, lil CVC, kif ukoll lill-Familja Sultana tar-ritratti.*

# Il-Qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex Ġrajja u Lingwa

## Tifkira tad-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen ta' Barigozzi fl-1925

(It-Tieni Parti)

Noel Micallef

**Il-qniepen il-ġodda ta' Barigozzi – 1925**

Fl-istess żmien meta l-Bażilika ta' San Ġorġ ordnat sett qniepen ġodda mingħand il-Funderija *Aldo e Prospero Barigozzi* ta' Milan fl-Italja, il-Parroċċa tal-Qala ddedikata lill-Patrijarka tal-Knisja San Ġużepp kif ukoll il-Parroċċa tal-Mellieħa ordnaw sett ġdid mingħand l-istess funderija. Imma x'għandhom x'jaqsmu dawn il-qniepen ta' dawn il-parroċċi ma' dawk ta' San Ġorġ?

Huma bosta dawk li xi darba jew oħra semgħu bl-isem ta' Mons. Giuseppe Farrugia magħruf bħala 'Tal-Vers'. Il-Monsinjur tal-Vers kien bniedem b'kapaċitajiet artistiċi u mużikali liema bħalhom. Fil-fatt fir-reġistru tal-istudenti tas-Seminarju bejn is-sena 1866 u 1870 kien hemm miktub: *"ottimo in tutto e sempre il primo"*.[33] Kellu ammirazzjoni u fiduċja li kien igawdi minn kbar u żgħar. Tal-Vers, kif insibuh aħna, kien saċerdot żelanti, fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri fejn tgħammed, trabba u li tant ħabb. Nixtieq nislet tislima lil Mons. Farrugia li kienet dehret fil-gazzetta *Malta* fl-1925, datata 19 ta' Marzu u miktuba minn student tal-istess Farrugia:

*Multis ille bonis flebilis occidit - Horatius*
*Alle ore 9:50pm, di ieri, 18, cessò di vivere in Città Vittoria, Gozo, sua patria, in età di 73 anni, il Molto Rev. Monsignor Giuseppe Decano Farrugia, Prot. Apost. Precettore di Latino, alla Scuola Secondaria di Gozo, dall'età di 21, Canonico della Cattedrale, Segretario di Mons. Pietro Pace, Vicario Generale di Mons. Camilleri, Rettore e Professore nel Seminario Diocesano, esaminatore Sinodale parte precipua nella celebrazione e nella relazione scritta del Sinodo, l'illustre Estinto ha avuta una splendidissima carriera ecclesiastica. Conoscitore profondo del disegno, geniale compositore di musica, valentissimo letterato nelle lingue Latina ed Italiana, ferventissimo amente della sua Patria cui sempre e con la parola e con lo scritto ha difeso, delicato nei sentimenti, gentile di maniere, sensibilissimo alle bellezze dell'arte lascia una lacuna nel Clero del Gozo che difficilmente potrebbe essere colmata. Vero ornamento del Clero della due Isole, ha calcato i migliori pulpiti, ha recitato a Malta e Gozo panigiriei in tersa elegante italica favella, ha scritto libri apologetici e storici, ha dettato iscrizioni latine di sapore prettamente classico, composto versi latini ed italiani. Era conoscitore appassionato del canto gregoriano, sacerdote di somma prudenza e dottrina, un uomo veramente enciclopedico. I migliori cittadini del Gozo riconoscono i rudimenti della lingua del Lazio a un tanto Maestro, alla cui spiega era gioia l'assistere, dal cui labbro facondo tutti pendevano gli alunni. Ha sempre difeso, a spada tratta, senza rispetti umani, la nostra Religione. Se, dunque, da molti è stato pianto, sia questo l'umile fiore, sia questa la lagrima che depone sul Suo riverito avello, eternamente riconoscente e sinceramente grato l'alunno Suo.*[34]

Għalhekk, kemm il-Parroċċa tal-Qala u dik tal-Mellieħa qabbdu lill-Monsinjur tal-Vers jieħu ħsieb l-armonija tal-qniepen tagħhom li kienu se jordnaw mill-Funderija *Barigozzi*. U la qegħdin insemmu l-qniepen ta' dawn iż-żewġ parroċċi, ta' min jikteb xi tagħrif qasir dwarhom.

**Il-qniepen tal-Qala**

Kien il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Cassar li ddeċieda li jordna sett ta' ħames qniepen mill-Funderija *Barigozzi*. Dawn kienu l-ewwel sett ta' din il-funderija f'Għawdex. Il-qniepen ġew ordnati fuq l-armonija La-Naturali, li kif diġà semmejna kienet f'idejn il-Monsinjur tal-Vers. Il-qniepen waslu fil-gżira Għawdxija fit-22 ta' Ġunju 1922 u ttellgħu l-Qala l-għada 23 ta' Ġunju 1922. Il-konsagrazzjoni tagħhom saret mill-E.T. Mons. Isqof Giovanni Maria Camilleri OESA nhar il-25 ta' Ġunju 1922.[35]


In Memoriam.
Nato 2 Giugno 1852
Morto 18 Marzo 1925
PACE
ALL'ANIMA BENEDETTA
DI
MONS. GIUSEPPE FARRUGIA
CAN. DECANO DELLA CHIESA CATTEDRALE
DI GOZO
PRELATO DOMESTICO DI S.S.
PROTONOTARIO APOSTOLICO
SACERDOTE ESIMIO
PER SANTITÀ DI COSTUMI
DOTTRINA PRECLARA COSTANZA DI AZIONE
LEALTÀ DI CARATTERE
ESEMPIO RARO AI SUPERSTITI
CHE CON DEVOTA AMMIRAZIONE
NE RICORDERANNO SEMPRE
IL NOME VENERATO
R. I. P.
Gesù, Maria e Giuseppe
(Ind. 7 anni e 7 quarantene)
Nihil obstat
Victoriae die 25a Martii 1925
JOS. CAN. PACE
Censor Ecclesiasticus.

Is-santa tal-mewt b'tifkira ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925). [sors: Kollezzjoni Privata]

Id-diskors tal-okkażjoni sar minn Mons. Mikiel Cefai,[36] li bejn l-1944 u l-1976 kien Arċipriet tal-Parroċċi tar-Rabat. Mons. Cefai jibqa' msemmi mhux biss għall-prietki li kien jaf jinseġ bl-ikbar sengħa, imma wkoll għall-ispjega tal-Katekiżmu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, li kien jagħmel kull nhar ta' Ħadd wara l-Għasar. Jibqa' msemmi wkoll għal ħafna opri artistiċi li kienu saru fil-maqdes Ġorġjan fi żmien il-parrokat tiegħu. Kien inħatar ukoll Vigarju Ġenerali nhar il-15 ta' Ġunju 1976.[37]

Il-qniepen tal-Qala kienu ġew jiswew £1,145.15s5d, flimkien mal-£102.3s1d li kienu tħallsu lid-dwana. Dawn ġew iddedikati (mill-kbira għaż-żgħira) lis-Salvatur, lil Marija Immakulata, lil San Ġużepp, lil San Mikiel Arkanġlu u lil San Pawl.

**Il-qniepen tal-Mellieħa**

F'Marzu 1925 kien wasal is-sett il-ġdid tal-Parroċċa ta' Marija Bambina tal-Mellieħa. F'*Malta Tagħna* tax-xahar ta' Marzu nsibu din in-notifika:

*Fil-25 ta' Marzu fit-3:30pm, l-Arċisqof u Isqof Dom Mauru Caruana OSB sejjer ibierek il-qniepen ġodda tal-Mellieħa, li ġew dawn il-ġranet minn Milan, xogħol il-Fabbrika Barigozzi. Il-qniepen ġew ordnati mill-Kappillan Carlo*



Ritratt tal-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-qniepen il-ġodda nhar il-25 ta' Marzu 1925. [bil-kortesija tal-Parroċċa tal-Mellieħa]

*Cortis, li ġabar is-somma sabiħa tal-qniepen minn fost il-pajżani ta' dak ir-raħal, u xi benefatturi speċjali bħal Ċikka Sammut, Marianna Apap mill-Mellieħa li għamlu qanpiena kull wieħed miż-żgħar, il-mejjet Saċerdot Vincens Xicluna tal-Belt ukoll wiegħed is-somma sabiħa ta' £80. Barra minn dawn is-somom, il-Kappillan Cortis ħalla depożitu ta' £200 għall-ispejjeż li jinqalgħu wara. U l-Vigarju Kurat Dun Anton Ellul ma' Dun Franġisk Debono komplew jiġbru somma sabiħa għall-bżonnijiet li jista' jkun hemm. Għalhekk l-imsemmi Kappillan, illum Monsinjur Kanonku tal-Katidral, għal din l-okkażjoni ġie mistieden biex jagħmel parrinu tal-qanpiena l-kbira li fiha 43 kantar (li fiha l-isem tal-Papa preżenti, tal-Arċisqof preżenti u tal-Kappillan Carlo Cortis) u biex ukoll jagħmel diskors li bih jilqa' lill-maħbub Arċisqof. Il-qniepen jittellgħu f'posthom l-ewwel Ħadd li jiġi wara l-Festa li semmejna.*[38]

Il-gazzetta *Malta* tkompli tiddokumenta li *"la domenica immediatamente seguente alla detta Festa saranno innalzate al luogo destinato le cinque campane per cura dei bravi soldati della RAM"*.[39]

Is-sett kien wasal fuq il-vapur *Celte* fl-14 ta' Marzu, filwaqt li l-qanpiena l-kbira kienet waslet fis-17 ta' Marzu fuq il-vapur *Cimarosa* minn Genova.[40] L-armonija tagħhom hija dik ta' *La♭, Do, Mi♭, La♭* u *Do*. Illum fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Mellieħa għadna nsibu qniepen tubulari li huma l-abbozz tal-qniepen il-kbar, kif ukoll ritratti storiċi li juru l-konsagrazzjoni tal-qniepen quddiem il-maqdes tal-Mellieħa.

**Ġrajjiet is-sena 1925**

Matul is-sekli, il-Parroċċa ta' San Ġorġ gawdiet minn benefatturi li offrew flushom u ħinhom sabiex hi tiżżejjen u tikber għall-glorja ta' Alla. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-knisja urbana rat tibdil u opri ġodda li għadna ngawduhom sal-ġurnata tal-lum. Il-pijunier ta' dawn l-opri artistiċi kien l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili Prel. Dom. (1865-1943).

Ħa l-pussess fil-knisja Katidrali nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar, u l-Ħadd 27 ta' Jannar 1918 ħa l-pussess fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dam Arċipriet tal-parroċċi tar-Rabat sa ma miet fil-31 ta' Diċembru 1943.[41]

Fi żmien l-arċipretura ta' Mons. Hili, il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ iżżejnet b'opri li għadna ngawduhom sal-lum il-ġurnata, li hu nnifsu kien benefattur ewlieni tagħhom. Kien ħallas apparat abjad tal-imbrokkat għall-festi solenni tal-Kwaranturi, u xtara baldakkin bil-paletti rrakkmati bid-deheb għal dawn il-festi Ewkaristiċi. Ħallas ukoll għall-apparat tal-bellus aħmar irrakkmat bid-deheb li sar f'Lyons fi Franza. Dan l-apparat ġie mżanżan għall-festa popolari ta' San Ġorġ fis-sena 1926. L-apparat, li għadu jintlibes kull sena fil-festi solenni ta' San Ġorġ iċċelebrati f'Lulju, jikkonsisti f'sitt kapep, żewġ tuniċelli, kappa għaċ-ċelebrant, tuniċella tal-kruċifru u pjaneta għall-quddiesa pontifikali. Id-disinn ta' din l-opra rikka u artistika huwa tal-magħruf disinjatur Abram Gatt mill-belt Cospicua.[42]

Iżda barra minn dawn l-opri, l-Arċipriet Hili kellu quddiemu proġetti kbar: li jkabbar il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u li jġib sett ta' qniepen ġodda. Fid-19 ta' Awwissu 1935, l-Arċipriet Hili mal-aħwa Portelli, Mons. Teżorier Franġisku u ħuh Ġużeppi, taw bidu għax-xogħol tal-bini tan-navi, saqaf ġdid *troll di bomba*, koppla maestuża u żewġ apsidi tal-kappelluni. Fl-aħħar inħatt it-tambur tal-koppla l-qadima u nbniet koppla oħra. Barra li l-Arċipriet Hili ħareġ il-flus għall-bini tan-navi mal-aħwa Portelli, kien ħallas minn butu l-bini kollu tal-koppla.[43]

Is-16 ta' Lulju 1925 kien il-jum meta beda x-xogħol fuq il-kampnari tal-faċċata tal-knisja. L-ewwel xogħol kien fuq il-kampnar tan-naħa tal-Lvant fejn fl-20 ta' Lulju 1925 tneħħew it-tlitt iqniepen. Ix-xogħol kien spiċċa fl-20 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Wara beda x-xogħol fuq il-kampnar l-ieħor tal-Punent, fejn fil-25 ta' Awwissu tniżżlet il-qanpiena l-kbira. Ix-xogħol minn fuq dan il-kampnar kien lest fid-19 ta' Settembru 1925. Dawn iż-żewġ kampnari tkabbru mill-għoli sabiex jagħmlu wisa' għall-qniepen il-ġodda. Ix-xogħol tal-bini sar mill-bennej Saver Vella miż-Żebbuġ ta' Għawdex u kien taħt it-tmexxija tal-Prokuratur tal-knisja parrokkjali Mons. Też. Franġisku Portelli ma' ħuh Ġużeppi.[44] Jidher li x-xogħol fuq il-bini tal-kampnari sewa *"più di lire sterline cento, il doppio di quello che si credeva"*, skont ma kiteb Mons. Portelli lill-Inġinier Prospero Barigozzi f'ittra li nstabet dan l-aħħar mill-awtur ta' dan l-artiklu fl-Arkivju tal-*Museo Ditta F.lli Barigozzi*.

Bħalma ġara għall-qniepen il-ġodda tal-Parroċċi tal-Mellieħa u tal-Qala, il-Monsinjur tal-Vers kien ukoll fdat bit-tonalità tal-qniepen tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. It-tonalità tal-qniepen hija: iż-żgħira *Do (C)*; it-tieni *La be moll (A flat)*; it-tielet *Mi be moll (E flat)*; ir-raba' *Do (C)*; u l-kbira *La be moll (A flat)*.

**Il-kuntratt tal-qniepen**

Għal dawn l-aħħar tnejn u disgħin sena ma konniex nafu x'kienet in-nefqa tal-qniepen Ġorġjani. Wara r-riċerka li għamilt fil-*Museo Ditta F.lli Barigozzi*, ġew f'idejja xi dokumenti importanti li se jkomplu jinsġu l-istorja tal-Bażilika Urbana. Fosthom kien hemm il-kuntratt li kien ilu ma jara d-dawl sa minn Mejju 1925, flimkien ma' żewġ ittri mibgħuta lill-Inġinier Prospero Barigozzi mingħand l-Arċipriet Hili u oħra mill-Kan. Franġisk Portelli. Wara xi kjarifiki dwar l-awtentiċità tagħhom, dawn qed jiġu ppubblikati ma' dan l-artiklu għall-ewwel darba.

Il-kuntratt, datat 28 ta' Mejju 1925, ġie ffirmat bejn Mons. Arċipriet Alfons Maria Hili u d-Ditta *Barigozzi* ta' Milan li kienet irrappreżentata f'Malta minn *G e C Busuttil*.[45] Il-partijiet qablu li jsiru ħames qniepen fit-tonalità ta' *La♭, Do, Mi♭, La♭* u *Do* u jkunu jiżnu 3300kg, 1650kg, 970kg, 410kg u 205kg rispettivament. Barra dawn, l-ilsna tal-qniepen kienu se jiżnu 330kg. Il-kuntratt (li qed nippubblikawh hawn taħt) jelenka aċċessorji oħrajn sabiex jitwaħħlu l-qniepen mal-kampnar. Il-prezz tal-qniepen kien fiss ta' Lire 17.60 (liri Taljani) għall-bronż tal-qniepen u Lire 11.00 (liri Taljani) għall-bronż tal-ilsna. L-aċċessorji swew Lire 7,420. Għalhekk il-qniepen ta' San Ġorġ ġew jiswew madwar Lire 126,066 (liri Taljani).

Fil-kuntratt il-partijiet qablu li l-qniepen għandhom ikunu lesti sa ħames xhur mill-iffirmar tal-kuntratt. Żewġ terzi tal-ħlas tal-qniepen kellu jsir hekk kif il-qniepen jaslu Malta, filwaqt li l-bqija (terz) kellu jitħallas sa tlettax-il xahar wara li l-qniepen jaslu Malta. Imma fuq dan it-terz kellhom jitħallsu 5.5% interessi minn xahar wara li jaslu Malta.



L-Inġinier Prospero Barigozzi fil-fabbrika tiegħu f'Milan.
[sors: Museo Ditta F.lli Barigozzi, Milano]

Convenzione fra l'Ill[ustrissi]mo Rev[erendissi]mo Mons. Alfonso M. Hili Prel. Dom. Di S.S. e la Ditta F[rate]lli Barigozzi di Milano rapprezentata in Malta dalla Ditta G e C Busuttil

1. La Ditta Flli Barigozzi dell'Ing. Prospero Barigozzi di Milano somministrerà 5 campane nelle note di La bemolle grave, Do, Mi♭, La♭, Do di circa kg 3300, 1650, 970, 410, 205 rispettivamente, cioè del peso totale approssimativo di kg. 6535, coi relativi battagli del peso complessivo di circa kg. 330 adatti per il suono delle campane come in uso a Malta, cioé sospese fisse le campane e battendo il battaglio, da banda a banda della campana,da formare un concerto in tono di la bem[olle] grave, piú i mascherecci e cordicine e le pontrelles, i pezzi d'inceppamento ed izolatori necessari, per la sospensione di dette campane nel campanile, consistenti in 10 cavallotti, 10 occhioli con relative chiavelle tutti palettati agli estremi e forniti di doppio dado e 20 pezzi trasversali forati e 12 pontrelles e 5 isolatori legno forte per la Chiesa di San Giorgio in Vittoria, Gozo.
2. Dette campane dovranno essere sane, sonire, di squillo esteso, di voce piena, robusta, dolce, argeutuia e concertate e accordate con precizione di esse nel tono indicato, a gudizio di esperto professore di musica nominato della medesima Ditta Barigozzi, la quale si obbliga alla garanzia per un anno.
3. Fuse le campane sarà avertito il Sig. Committente il quale avrà facoltà di farle esaminare in fonderia ritenendo il diretto di esaminarle ed approvarle alla ricezione in Malta o Gozo dal suo perito.
4. Se entro un anno dalla posa in opera delle campane per difetti dipendenti dalla fusione, se ne rompesse qualcuna suonandosi regolarmente e col battaglio proporsionato, la Ditta sarà tenuta a rifondarla nuovamente dello stesso tono e a garantirla un anno dopo la sfusione senza alcun compenso per la fattura di questa.
5. Il bronzo per le nuove campane da somministrarsi dalla Ditta sarà di prima qualità composta di rame e stagno (cioè 80% di rame e 20% di stagno) con garanzia di analisi chimica.
6. Il prezzo delle campane è fissato a Lire italiane diciassette e centesimi sessanta il kg. (Lit. 17.60 per kg); e quello dei battagli a lire italiane undici per kg. (Lit. 11- per kg); i mascherecci e cordicine Lit. 320- complessimante; l'imballaggio per Lit. 1200- (tutte le pontrelles, isolatori ed i pezzi di sospensione in Lit. 5900). Ai detti prezzi includono il tutto dato franco sul pontone a Malta e assicurato contro tutti i rischi, anche contro rottura delle campane, fino allo sbarco sulla banchina a Malta.
7. Il Sig. Committente ha la facoltà di indicare sollecitamente le scrizioni ed i santi da apparsi sulle campane.
8. Salvo cosi imprevisti o di forza maggiore (incendi, malattie di operai specialisti, scioperi ecc.) le campane saranno ultimate e spedite entro cinque mesi circa dalla data di firma della convenzione.

9. I pagamenti saranno fatti a Milano, a mezzo chèques pagabli in lire italiane nel modo seguenti: appena ricevuta la presente convenzione firmata dalla Ditta Barigozzi, il Sig. Committente aprirà in una banca a sua scelta, un credito irrevocabile confermato fino a sei mesi, per l'intero importo dell'ordinazione con un deposito da far fronte agli interessi come appresso specificato, autorizzando la banca a versare alla Ditta Barigozzi i due terzi dell'importo dorretole, guinta la fattura che rimetterà a suo tempo a base della presente convenzione, all'arrivo e sbarco sul pontone delle campane in Malta, il resto a saldo dell'importo di detta fattura dopo tredici mesi dall'arrivo e sbarco delle campane in Malta, coll'agguinta degli interessi del 5 ½% all'anno da conteggiarsi su detto saldo, da un mese dopo l'arrivo e sbarco delle campane in Malta fino al totale pagamento, salvo il diritto al Sig. Committente di pagare detto saldo anche prima del termine su indicato.
10. La presente da essere redatta su carta bollata fatta reciprocamente dalle due parti e da valere per tutti i fini della legge.

Il Sig. Committente — La Ditta Fornitrice
Ing. Prospero Barigozzi

Vittoria Gozo 28.5.25 — Can. Alfonso M Hili Arciprete



Is-sett tal-Qniepen Ġorġjani fil-fabbrika ta' Barigozzi f'Milan fl-1925.
[bil-kortesija tas-Sur Joseph Sagona]

## Il-wasla tal-qniepen

Ma nafux eżatt meta waslu l-qniepen, imma jista' jkun li kienu waslu Malta f'Lulju, għaliex il-ġurnal merkantili *Lloyd Maltese* tat-8 ta' Lulju jirrapporta li fis-7 ta' Lulju mal-vapur *Tiziano* tal-Kaptan Ivanich fost il-merkanzija li wassal hawn Malta kien hemm *'1 gabbia campana di bronzo'*.[46] F'wieħed mill-artikli tal-Kan. Nikol Vella Apap insibu li jista' jkun li l-ħames qniepen tal-knisja parrokkjali waslu Għawdex għall-bidu ta' Awwissu 1925.[47]

Meta waslu Għawdex il-qniepen kienu tpoġġew fil-bitħa tan-negozjant M'Angelo Galea (Tal-Orjenti) fi Triq it-Tiġrija (illum ir-Repubblika), ir-Rabat. L-Erbgħa 23 ta' Settembru, dan is-sett kienu daħħluh fi Triq San Ġużepp, quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn l-għada kienet se ssir il-konsagrazzjoni tagħhom.

Il-gazzetta *Malta* fit-22 ta' Settembru tippubblika avviż:

***Cinque Nuove Campane per la chiesa di S. Giorgio Al Gozo***

*Giovedi p.v. 24 corrente Sua Ecc. Rev.ma Mons. Gonzi, Vescovo di Gozo, benedirà solennemente cinque nuove campane destinate per la Chiesa Parrocchiale di San Giorgio M. di Città Vittoria. La funzione avrà luogo nella piazza della medesima chiesa alle ore 4:30pm. Questo avviso serve di invito a tutti indistintamente. Il Molto Rev. Arciprete Parroco Can. Alfonso M. Hili farà un breve discorso d'occasione.*[48]

## Riferenzi

[33] FARRUGIA Ġużeppi, "Mons. Giuseppe Farrugia", f'*Il-Belt Victoria* (Suppliment), 62 (1991), 2-4.
[34] CAUCHI Paolo, *Malta*, 20-03-1925, 2.
[35] BARTOLO Steve, "Disgħin sena mill-wasla tal-Qniepen tal-Qala fostna (22 ta' Ġunju 1922 – 22 ta' Ġunju 2012)", f'*Leħen il-Qala – Festa 2012*, 112 (2012), 15-17.
[36] Ibid.
[37] BORD EDITORJALI, "Mons. Mikiel Cefai – Vigarju Ġenerali. Għeluq it-30 sena mill-mewt tiegħu", f'*Leħen il-Qala – Milied 2011*, 110 (2011), 39-40.
[38] "Il-Qniepen il-ġodda tal-Mellieħa", f'*Malta Tagħna*, 28-03-1925, 3.
[39] "Le Nuove Campane Alla Melleha", f'*Malta*, 18-03-1925, 2.
[40] GOGGI Joseph, *Qniepen f'Malta u Għawdex u f'Pajjiżi Oħra*, Malta 2003, 50.
[41] VELLA APAP Nikol, "F'Għeluq il-Ħamsin sena mill-mewt tal-Arċipriet Mons. Alfonsu M. Hili Prel. Dom. (1865-1943)", f'*Il-Belt Victoria*, 75 (1993), 4-5.
[42] Ibid.
[43] Ibid.
[44] VELLA APAP Nikol, "F'Għeluq il-Ħamsa u Sebgħin sena (1925-2000) mill-wasla ta' sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex", fi *Programm tal-Festa ta' Ġorġ 2000*, 2000, 37-41.
[45] Museo Ditta F.lli Barigozzi, Milano.
[46] "Manifesti d'Introduzione", f'*Lloyd Maltese*, 8-7-1925, 26.
[47] VELLA APAP Nikol, "F'Għeluq il-Ħamsa u Sebgħin sena (1925-2000) mill-wasla ta' sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex", fi *Programm tal-Festa ta' Ġorġ 2000*, 2000 37-41.
[48] "Cinque Nuove Campane per la chiesa di S. Giorgio Al Gozo", f'*Malta*, 22-9-1925, 2.

**Ħajr**

Nixtieq nirringrazzja lil dawn il-persuni li għenuni niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu: Charles Bezzina, Patri Gwardjan Joe Buttigieg OFMCAP, Daniel Cilia, Anthony Farrugia, Toni Farrugia, Neville Galea, Museo Ditta F.illi Barigozzi ta' Milan, George Francis Vella.

L-ebda ritratt jew informazzjoni li huma ppubblikati f'din s-sensiela ta' artikli ma jistgħu jiġu riprodotti mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur.

jissokta fil-ħarġa li jmiss...

OBITWARJU

# Patri Eġidju Mizzi (1932-2017), Franġiskan Konventwali

Nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2017, fil-festa tal-għaref San Tumas ta' Aquino, il-gżira ta' Għawdex tilfet wieħed mill-egħref ulied tagħha. Dakinhar filgħodu miet Patri Eġidju Mizzi OFMCONV, Franġiskan Konventwal fil-komunità tal-Belt Victoria u iben il-komunità parrokkjali Ġorġjana.



Mikiel, Klement, Franġisk Mizzi, bin Manwel u Angela mwielda Scicluna, twieled fis-27 ta' Diċembru 1932, fi sqaq fi Triq Vajringa, il-Belt Victoria, u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Daħal mal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali fl-1947 u ngħata l-isem ta' Eġidju. Fit-28 ta' Diċembru 1953 għamel il-Professjoni tiegħu fi ħdan l-Ordni tal-Konventwali. Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu 1956 fil-Bażilika tal-Appostli Mqaddsa, Ruma, fejn hemm il-Kurja Ġeneralizja tal-Ordni; jirrakkonta li kienet telgħet ommu għall-ordinazzjoni tiegħu. Hu studja l-Filosofija fil-Kunventi tar-Rabat u fil-Belt Valletta, u anki fl-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma fejn iggradwa l-ewwel b'Baċellerat fil-Filosofija, u mbagħad fl-1961 b'Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Istitut Pontifiċju Bibliku. Liċenzjat ieħor fit-Teoloġija kisbu mill-Fakultà Teoloġika ta' San Bonaventura, f'Ruma wkoll.

Lura f'Malta, is-superjuri mill-ewwel għarfu f'Patri Eġidju l-kwalitajiet ta' skular Bibliku mill-aqwa. B'esperjenza ta' erba' snin jgħallem l-Iskrittura u l-Ilsna Bibliċi fil-Kulleġġ Teoloġiku Missjunarju ta' Assisi (1963-1967), sejħulu jgħallem it-Teoloġija Biblika fis-Seminarju ta' Għawdex (1968-1971), u l-Iskrittura u l-Ilsna Bibliċi fl-INSERM (1968-1987). Hu għallem ukoll l-Għebrajk u l-Grieg Bibliku fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta (1971-1994).

Bħala Franġiskan Konventwal, Patri Eġidju ħaddan l-uffiċċji ta' Segretarju Provinċjali (1968-1971), Vigarju (1971-1974), Superjur tal-Kunvent tar-Rabat ta' Malta (1983-1986), kif ukoll Kustodju Kapitulari (1992-1995), sakemm 'irtira' fil-komunità tal-Belt Victoria fejn baqa' sa ma miet.

Imma l-akbar sehem li ta Patri Eġidju fil-qasam Bibliku f'pajjiżna kien fi ħdan l-Għaqda Biblika Maltija, mhux biss bħala Viċi-President tagħha (1986-1996), imma bħala membru tal-kummissjoni mmexxija mill-Prof. Karm Sant li daħlet għat-traduzzjoni tal-Edizzjoni Maltija mill-ilsna oriġinali, ħidma metikoluża li tawlet mill-1968 sal-1984. Hawn hu kellu f'idejh it-tħejjija tal-Kotba ta' Ġob u Koħelet, meqjusa mill-esperti fost l-iktar testi diffiċli għat-traduzzjoni.

Mizzi kompla wkoll jagħti sehmu fix-xogħol tat-Tieni Edizzjoni Riveduta li ġiet imxandra fl-1996. Hawn hu kien inħatar ko-reveditur tal-Kotba tat-Testment il-Qadim. Ittraduċa wkoll diversi kotba tat-Testment il-Qadim għall-Malti f'isem il-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali, li sal-lum jintużaw fix-xandir tal-Kelma waqt il-Liturġija Mqaddsa fil-knejjes tagħna. Studji ta' Patri Eġidju fuq l-Iskrittura dehru f'bosta pubblikazzjonijiet, fosthom ir-rivista *Sijon* tal-Għaqda Biblika Maltija.

Patri Eġidju kellu mħabba ġenwina għall-Kelma ta' Alla, u għalkemm kien bniedem għaref u kult, b'umiltà u ħlewwa dejjem fittex li jxerred din l-imħabba fost l-Insara, bil-kelma u bil-predikazzjoni. Ġie maħtur membru tal-Kummissjoni Biblika Permanenti, u fit-13 ta' Diċembru 2012, għall-ħidma kollha tiegħu fil-qasam tax-xjenza Biblika f'pajjiżna, ingħata Ġieħ ir-Repubblika (MOM). Fl-10 ta' Ġunju 2013 ingħata wkoll Ġieħ il-Belt Victoria.

Fis-sittin anniversarju presbiterali ta' Patri Eġidju, fl-1 ta' April 2016, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech sejjaħ lil Patri Eġidju "katalist fil-proċess tat-traduzzjoni tal-Kelma ta' Alla".

Imma hawn ma nistgħux inħallu barra l-imħabba qawwija li Patri Eġidju kellu lejn San Ġorġ, il-qaddis u l-knisja. Għalkemm issieħeb ma' wlied Franġisku, saqajh baqgħu jiġbduh lejn Ġorġi u l-maqdes tiegħu. Hu li kien qatta' ħajtu qalb il-kotba u kliem il-għerf, fl-istudju tiegħu ma setax ma għarafx x'qaddis kbir hu San Ġorġ.

Jibqa' mfakkar, fost l-oħrajn, id-diskors prinċipali mirqum li kien għamel f'Lejla Kulturali li nżammet ftit aktar minn erbgħin sena ilu, il-Ħadd 11 ta' Lulju 1976, fl-okkażjoni tat-twaqqif ta' Kolleġġjata Lateranensi fil-Bażilika ta' San Ġorġ, quddiem folol kbar li ħonqu t-tempju Ġorġjan f'dik l-okkażjoni ta' ferħ kbir. It-tema kienet "San Ġorġ Kolleġġjata", u l-Professur Mizzi hawn kien daħal fil-fond tat-tifsira storika u reliġjuża tal-Kolleġġjata, li ma jistax jonqos li bnieha kollha fuq fundament bibliku, imnebbaħ mill-glorja tat-Tempju ta' Ġerusalemm. Hu lemaħ fit-twaqqif tal-Kolleġġjata Ġorġjana "l-quċċata ta' storja reliġjuża tal-poplu belti li madwar dan il-maqdes, ċentru antikissmu ta' qima reliġjuża, ra jixxettel il-Kristjaneżmu Għawdxi u kien xhud tal-ġrajjiet imnikkta u ferrieħa li għaddew minn fuq ġensna matul l-istorja tiegħu".

Il-Funeral ta' Patri Egidju nżamm fil-knisja ta' San Franġisk, il-Belt Victoria, nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2017.

## Il-Kan. Lino Vella (1961-2017), Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana



Dun Lino twieled fl-1 ta' Ġunju 1961 minn Louis u Carmen imwielda Micallef. Attenda l-Iskola tas-Sorijiet Karmelitani u l-Iskola Primarja f'Ta' Kerċem u wara l-Iskola Sekondarja *Ninu Cremona* fil-Belt Victoria. F'Settembru 1978 beda l-formazzjoni għas-saċerdozju fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, u fis-sena intermedjarja (1982-1983) għamel xogħol ta' gwida fil-Katakombi ta' San Bastjan f'Ruma. Ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Ġunju 1986.

Dun Lino ħadem fil-qasam edukattiv fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex u matul dawn is-snin għallem diversi suġġetti u kien jagħmel parti mit-tmexxija tal-istess skola. Għal xi żmien kien responsabbli miż-żgħażagħ fil-Parroċċa f'Ta' Kerċem, kif ukoll kien direttur spiritwali tal-Għaqda Mużikali *San Girgor* f'Ta' Kerċem, li jista' jitqies b'wieħed mill-fundaturi tagħha.

Fis-17 ta' Settembru 2007, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħatar lil Dun Lino bħala t-tmien Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb Ġesù, il-Fontana. F'ittra datata 14 ta' Novembru 2007, l-Isqof, bħala Dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, wera x-xewqa li Dun Lino jingħaqad mal-Kapitlu Ġorġjan, liema xewqa ġiet approvata mill-istess Kapitlu. Ħa l-pussess ta' Kanonku Onorarju nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru qabel ħa l-pussess ta' Kappillan tal-Fontana. Għal dawn il-festi kellhom jieħdu sehem il-Banda *San Girgor* u l-Banda Ċittadina *La Stella*, imma b'xorti ħażina ġew imħassra minħabba l-maltemp.

Għalkemm wera ħeġġa kbira għall-ġid tal-parruċċani, kif ukoll għall-ħidma pastorali, Dun Lino kellu jirriżenja minn kappillan b'mod uffiċjali f'Novembru 2008 minħabba raġunijiet ta' saħħa. Minkejja l-mard tiegħu, hu baqa' jxerred kull fejn kien spirtu ta' ottimiżmu Nisrani.

Ingħaqad mal-Ħallieq nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017. Il-Funeral tiegħu sar l-għada fil-Parroċċa Ta' Kerċem. Il-ġisem mejjet ta' Dun Lino kien espost għall-qima u t-talb tal-poplu fil-Każin tal-Għaqda Mużikali *San Girgor*. Għall-ħabta tas-2.00pm beda korteo lejn il-knisja parrokkjali bis-sehem tal-Banda msemmija. Il-Kappillan Dun Brian Mejlak mexxa t-talba tal-Għasar, filwaqt li l-quddiesa *præsente cadavere* tmexxiet mill-Isqof Mario Grech.

## Mons. Giovanni Bosco Gauci (1938-2017), Arċidjaknu tal-Katidral u eks-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex



Tard is-Sibt 29 ta' April 2017 tħabbret il-mewt ta' Mons. Giovanni Bosco Gauci, Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Katidral u Rettur tal-knisja ta' Savina.

Mons. Giovanni Bosco Gauci twieled il-Belt Victoria fil-21 ta' Frar 1938. Tgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Alfons Maria Hili u ngħata l-isem ta' Giovanni, Mikiel, Ġużeppi u Ġorġ. Ta' min jgħid ukoll li Dun Ġwann kien tewmi ma' oħtu li wkoll tgħammdet fl-istess ġurnata bl-isem ta' Maria, Josepha, Antonia, Georgia. Irċieva s-sagrament tal-Konfirmazzjoni fl-istess knisja parrokkjali nhar l-24 ta' Mejju 1945.

Hu ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-Katidral tal-Assunta nhar it-18 ta' Marzu 1961. Minbarra l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex bejn l-1957 u l-1964, Dun Ġwann kompla jistudja Ruma, kemm bħala seminarista fis-Seminarju Franċiż u kemm fl-Università Pontifiċja *Gregoriana* u fl-Univerisità Pontifiċja tal-Lateran imnejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija u Liċenzjat fid-Drittu rispettivament. Bejn l-1961 u l-1964, Dun Ġwann kien residenti fil-Kulleġġ Nepomuċenu.

Fost l-uffiċċji li okkupa fid-Djoċesi, Dun Ġwann kien Vigarju Ġenerali bejn l-1998 u l-2015 taħt żewġ Isqfijiet, Mons. Nikol Ġ. Cauchi u Mons. Mario Grech; kien ukoll Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral sa mill-1967, fejn serva bħala Teologu, Dekan u mbagħad Arċidjaknu; Rettur tal-knisja ta' Savina (1980-2017); Lekċerer fis-Seminarju Maġġuri (1964-2011); Imħallef u mbagħad Vigarju Ġudizzjali fit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex (1968-1993); u Kunsillier tal-Moviment ta' Kana. Sakemm saħħtu ppermettietlu, sa ftit jiem qabel mewtu, Dun Ġwann baqa' joffri l-ministeru saċerdotali u pastorali tiegħu fil-knisja ta' Savina bħala Rettur u bħala konfessur.

Lil Mons. Gauci konna narawh ta' spiss għall-festi ta' San Ġorġ Martri, kemm fis-solennità liturġika tat-23 ta' April u kemm f'dawk li jiġu ċċelebrati f'Lulju. Ta' kull sena kien jassisti mal-Kapitlu Katidrali waqt l-Ewwel Għasar wara t-Translazzjoni Pontifikali, kif ukoll għall-Pontifikal tal-Ħadd filgħodu.

Il-Funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju 2017, fil-Katidral tal-Assunta. Il-fdalijiet kienu esposti għall-qima u t-talb fil-knisja ta' Savina, il-Belt Victoria. Fil-5.00pm sar talb fl-istess knisja mill-Kapitlu tal-Katidral u dritt wara telaq korteo funebri bil-fdalijiet tiegħu lejn il-Katidral fejn saret quddiesa funebri mill-Isqof Mons. Mario Grech.

*Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

APPREZZAMENT

# Ġorġ Gauci (1926-2016), il-mastrudaxxa b'rabta mal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Dun Geoffrey George Attard



Kburi bis-salib tal-Bażilika maħdum minnu, qabel ma ttella' f'postu, fil-5 ta' Ottubru 1958.

Ġorġ Gauci, magħruf fostna r-Rabtin u fost dawk li kienu jafuh sempliċiment bħala *Ġorġ ta' Frallillu*, twieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-23 ta' Mejju 1926, iben Wiġi Gauci u Marija Tabone, it-tielet minn ħames ulied. Trabba fil-qalba ta' beltna u sa minn ċkunitu kellu mħabba speċjali lejn il-Knisja bħala d-dar ta' Alla.

Il-Bażilika ta' San Ġorġ, li nistgħu ngħidu li kienet il-mimmi ta' għajnejh, kienet, kif stqarr l-Arċipriet Mons. Joseph Curmi fl-omelija tal-Funeral, "it-tieni dar tiegħu".

Ġorġ iżżewweġ lil Vitorin Vassallo nhar is-7 ta' Ottubru 1962. Dakinhar, it-tribuna tal-Bażilika kienet għadha mhijiex imsaqqfa u kienu biss f'posthom l-erba' zokklaturi li fuqhom tqiegħdu l-erba' kolonni tal-imsemmija tribuna. Ġorġ u Vitorin kellhom tliet ulied: Louis (1963), Marlene (1966) u Ġorġ (1973).

Sa minn ċkunitu, Ġorġ kellu namra għax-xogħol fl-injam, għalkemm nistgħu ngħidu li kien imidd idejh għal kollox. Hu beda jaħdem bħala mastrudaxxa ma' Emanuel Sacco – missier il-Kan. Ġużepp Sacco – u miegħu qatta' l-isbaħ ħamsa u għoxrin sena. Wara li ħalla lil Sacco, Ġorġ qatta' xi snin jaħdem għal rasu f'ħanut li kellu fi Triq Sant'Ursola, ir-Rabat. Aktar tard hu daħal mastrudaxxa mal-Gvern.

Ġorġ qatta' bosta snin sagristan tal-knisja ta' San Ġużepp. Lil Ġorġ nistgħu nqisuh ukoll benefattur tal-knisja ta' San Ġakbu. Hu kien jiffrekwenta b'mod regolari din il-knisja fi Pjazza t-Tokk – illum Pjazza Indipendenza – u r-Rettur tal-knisja Mons. Ġużeppi Farrugia kien iqabbdu biex ta' kull sena jżejjen il-knisja għall-festa titulari tal-Appostlu San Ġakbu li tiġi ċċelebrata fix-xahar ta' Lulju.

Ġorġ kien involut fit-tħammil tal-art biex setgħu jinbnew in-navi tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Kien involut ukoll fit-tqegħid tat-tarağ taz-zuntier li minnu wieħed jitla' sabiex jidħol mill-bieb ewlieni tal-Bażilika. Ġorġ waħħal il-ħġieġ tat-twieqi l-ġodda tal-Bażilika. Nistgħu ngħidu li kien l-id il-leminija tal-Arċipriet Mikiel Cefai f'dik li kienet ħidma artistika fi ħdan il-Bażilika ta' San Ġorġ. Fil-fatt kien hu wkoll li meta San Ġorġ sar Bażilika, ħadem is-salib tal-Bażilika li għadu sal-lum iżejjen il-faċċata tal-knisja.

Ma nistgħux ma nsemmux ix-xogħol importanti li wettaq Ġorġ hekk kif wara li ntemmet it-Tieni Gwerra, l-iskultur Ġużè Galea mir-Rabat ta' Malta, ħadem fuq it-tqegħid tal-pasta fis-saqaf.

Ġorġ jibqa' l-aktar magħruf għall-bradella artistika li fuqha tintrama l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, li ħadimha fis-sena 1967. Għalkemm kienet lesta f'dik is-sena, kien fl-1996 li tlestiet it-tieni fażi ta' dekorazzjoni tal-bronż fuq il-bankun u l-bradella. Id-disinn tad-dekorazzjoni kien sar mill-mibki Giuseppe Galea, u ġiet immudellata mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u maħruġa fil-bronż minn Joseph Chetcuti, megħjun minn Anthony Xuereb. Dan kien xogħol li sar bil-ħidma ta' Mons. Anton Grech Vella li kien Teżorier tal-Kapitlu ta' San Ġorġ.

Ġorġ Gauci miet wara marda qasira nhar it-28 ta' Diċembru 2016 fl-età ta' disgħin sena. Il-Funeral kien ippresedut mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru fil-Bażilika ta' San Ġorġ. L-Arċipriet fl-omelija tiegħu semma wkoll il-kwalitajiet sbieħ ta' Ġorġ mhux biss fir-rigward tal-imħabba tiegħu lejn it-tempju ta' Alla li tant ħadem biex iżejjen, imma wkoll fil-ġentilezza u l-valuri sbieħ Insara li ħaddan matul ħajtu.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

*Ħajr lill-Familja Gauci għar-ritratti.*



Maġenb il-Bradella ta' San Ġorġ fl-1997. F'dawk iż-żminijiet, il-Bradella, meta ma tkunx armata fil-Bażilika mal-istatwa f'jiem ta' festa, kienet tinżamm quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali.

# Anniversarji Presbiterali

## Ħamsa u sittin anniversarju presbiterali

**Mons. Saver Calleja, Primiċerju tal-Kolleġġjata**



Mons. Saver Calleja twieled il-Belt Victoria fil-21 ta' Lulju 1926, minn Luigi u Maria Dolora mwielda Sammut, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Wara l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gven u fil-Liċew ta' Għawdex, fl-1945 hu daħal fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn għamel tliet snin ta' studji fil-Filosofija. Imbagħad fl-1948 mar kompla bil-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fil-Kulleġġ Franċiż f'Ruma fejn għamel l-istudji tiegħu fit-Teoloġija fl-Università Pontifiċja *Gregoriana*.

Dun Saver ġie ordnat saċerdot fil-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Victoria nhar it-8 ta' Marzu 1952; miegħu kien hemm saċerdot ieħor mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Mercieca, li iktar tard sar Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex u eventwalment Arċisqof ta' Malta. Dun Saver iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ nhar l-20 ta' April 1952, fejn il-prietka kien għamilha Patri Ġużepp Delia SJ. Fl-1953 hu rċieva l-Liċenzjat fit-Teoloġija mill-Università Gregorjana.

Sa minn wara l-ordinazzjoni presibiterali, Dun Saver ta servizz għal diversi snin bħala għalliem. Bejn l-1953 u l-1966 għallem il-Franċiż fis-Seminarju ta' Għawdex, u wara kompla jgħallem dan is-suġġett flimkien mar-Reliġjon fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet *Agius de Soldanis* fil-Belt Victoria fejn dam sal-1978. Għal tliet snin kien ukoll jiċċelebra l-Quddiesa ta' kuljum għall-komunità tas-Sorijiet tal-Karità fil-Konservatorju tal-Isqof, ir-Rabat.

Mons. Calleja dejjem offra s-servizzi tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment bid-disponibbiltà tiegħu bħala konfessur fis-sagrament tal-Qrar. Għal bosta snin hu kien jiċċelebra l-Quddiesa tat-8.00am ta' nhar ta' Ħadd, kif ukoll tal-ewwel matul il-ġimgħa.

Fl-1976, hu kien wieħed mill-kanonċi l-ġodda magħżula mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi biex jiffurmaw il-Kapitlu ġdid tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Wara bosta snin bħala Penitenzier ta' dan il-Kapitlu, f'Lulju 2009 ġie maħtar Primiċerju, il-ħames l-ogħla dinjità li ġġorr magħha t-titlu ta' Monsinjur *Cappellano di Sua Santità*.

Illum il-ġurnata, Mons. Calleja ma għadux iqaddes il-quddiesa tal-ewwel fost il-ġimgħa minħabba raġuni ta' saħħa, u jgħix irtirat ma' familja li tiehu ħsiebu fin-Nadur. Minkejja dan, ta' kuljum jiġi jqaddes privatament f'waħda mis-sagristiji tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

## Sittin anniversarju presbiterali

**Il-Kan. Maġġ Joseph A. Borg**



Dun Ġużepp twieled fis-16 ta' Marzu 1933 fil-Belt Victoria, u tgħammed jumejn wara fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ħa l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Gvern fil-Belt Victoria, u fl-1943 daħal is-Seminarju Minuri ta' Għawdex, minn fejn fl-1950 għadda għas-Seminarju Maġġuri. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1957, fil-Katidral tal-Assunta, mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-14 ta' Lulju tal-istess sena. Il-prietka tal-okkażjoni kienet saret minn Mons. Emanuel Mercieca, li iktar tard sar l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala Viċi-Parroku tar-Rabat, fejn dam sal-1964, u kien ukoll responsabbli mill-Puriċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Wara, ħalla Malta biex jagħmel ħidma pastorali fl-Arċidjoċesi Kanadiża ta' Toronto. Fl-1969 daħal fl-Armata Kanadiża biex iwettaq il-missjoni speċjali ta' Kappillan Militari Kattoliku. Hawn qeda dmiru f'bosta bażijiet, fosthom Trenton, Comox, Kingston, Downs-view u Summerside. Għadda wkoll sitt xhur mal-Ġnus Magħquda f'Ċipru. Fl-1979 ġie promoss għall-grad ta' Maġġur fi ħdan l-Armata.

Fit-13 ta' Lulju 1977, l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi ħatru l-ewwel membru onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, fejn meta ġie lura Għawdex wara li rtira mis-servizz fl-1988, sar Kanonku effettiv fl-1990. Fost ħidmiet oħra pastorali u l-kontribut tiegħu fil-kant liturġiku, kull sena baqa' jwettaq ħidma pastorali f'parroċċa f'Milan.

Illum il-ġurnata Dun Ġużepp iqaddes ta' kuljum fil-Bażilika ta' San Ġorġ u jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu bħala membru tal-Kapitlu Ġorġjan.

**IL-KAN. GEORGE DEBRINCAT**



Dun Ġorġ twieled fid-19 ta' Frar 1934 fil-Belt Victoria, u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Beda l-edukazzjoni tiegħu għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Belt Victoria, u mbagħad kompla fl-Iskola Primarja tal-Gvern u fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1957 fil-Katidral tal-Assunta mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-12 ta' Mejju, fejn il-prietka saret mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Mikiel Cefai.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, ħa f'idejh il-ħidma ta' Sagristan Maġġur fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. F'Awwissu 1962 telaq lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, fejn kien Viċi-Parroku f'bosta parroċċi fl-Arċidjoċesi ta' Los Angeles, Kalifornja. Għal bosta snin ħadem fit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' dik id-djoċesi. Wara tmien snin Viċi-Parroku ta' Our Lady of Lourdes, f'April 1986 sar Kappillan ta' dik il-parroċċa, fejn baqa' sas-sena 2000.

Fl-1998 ġie maħtur membru onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, u fl-2001 effettiv, fejn mill-ewwel reġa' involva ruħu bis-sħiħ fil-ħidma pastorali, l-aktar bl-għajnuna li ta fil-Fratellanza tal-Kurċifiss u oqsma oħra amministrattivi. Ta' kull sena jgħaddi xi xhur jgħix fil-Parroċċa tas-Santissmu Redentur, f'Montrose, Los Angeles.

**MONS. ĠWANN MERCIECA, PENITENZIER**



Dun Ġwann twieled fit-22 ta' Diċembru 1932, fil-Belt Victoria, u ġie mgħammed fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Wara li rċieva l-ewwel edukazzjoni f'belt twelidu mill-1952 sal-1957, għamel l-istudji tat-Teoloġija f'Ruma, minn fejn ġab il-Baċellerat. Ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Jannar 1957 u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-17 ta' Frar. Il-prietka kienet saret minn ħuh Dun Ġużepp Mercieca, li għal tletin sena sħaħ kien Arċisqof Metropolita tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Barra li wettaq il-ministeru ta' direttur spiritwali fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern, hu kien membru ta' diversi għaqdiet u kummissjonijiet fi ħdan id-Djoċesi, fosthom il-Kummissjoni Kateketika ta' Għawdex.

Hu kien wieħed mill-ewwel membri tal-Kolleġġjata li l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi waqqaf fil-Bażilika ta' Ġorġ fl-1976.

Nhar l-24 ta' Diċembru 2016, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħatru Monsinjur Onorarju fil-Kapitlu tal-Katidral tal-Assunta ta' Għawdex.

F'dawn l-aħħar xhur saħħet Dun Ġwann marret lura. Fil-fatt, il-quddiesa ta' radd il-ħajr fl-għeluq tas-sittin anniversarju saċerdotali saret fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn kien jinsab rikoverat, bis-sehem tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi u Dun Joseph Mercieca flimkien mal-familjari tiegħu. Bħalissa Dun Ġwann hu rikoverat fid-Dar għall-Anzjani tas-Sorijiet Dumnikani fil-Belt Victoria.

## Ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali

**DUN JOHN VELLA**



Dun John ġie ordnat saċerdot nhar is-27 ta' Ġunju 1992 mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju flimkien mal-Kapitlu u l-Presbiterju Parrokkjali. Kompla l-istudji tiegħu fejn kiseb il-Masters fil-*Councelling* u l-Psikjatrija li ilu jipprattika għal dawn l-aħħar tnax-il sena. Huwa ġie mħarreġ għall-konsulenza kontra l-alkoħol u sustanzi abbużivi oħra. Ħadem għal diversi snin fiċ-Ċentru ta' Riabilitazzjoni mid-Droga, kif ukoll issorvelja konsulenti oħra f'taqsimiet oħra fl-istess settur. Fil-preżent huwa l-Kap tas-Servizzi ta' Konsulenza fl-Università ta' Malta, u jgħallem fl-istess Università. Dan l-aħħar għamel ir-riċerka tiegħu fil-Kulleġġ *Regent* ta' Londra dwar *Shadow Integration and the Psychotherapist* fejn f'Mejju 2016 kiseb id-Dottorat fil-Psikoloġija.

## Nifirħu lil...

• Francesco Pio Attard, membru tal-Bord Editorjali ta' din ir-rivista, li b'effett mit-3 ta' Jannar, inħatar it-tmien Editur tar-Rivista Djoċesana *Il-Ħajja f'Għawdex*. Francesco Pio huwa responsabbli wkoll mill-Uffiċċju Komunikazzjoni tal-Kurja Djoċesana. *Il-Ħajja f'Għawdex* hija rivista ta' kull xahar maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex, u l-ewwel ħarġa kienet f'Ġunju 1945.

• Mons. Ġwann Mercieca, Penitenzier tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li fl-20 ta' Jannar 2017 fakkar is-sittin anniversarju presbiterali tiegħu. Lil Dun Ġwann nawgurawlu wkoll kull saħħa.

• Patri Adeodato Schembri OSA, Pirjol tal-komunità Agostinjana fil-Belt Victoria, li nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu ċċelebra l-ħamsin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Dakinhar saret ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fil-knisja ta' Santu Wistin.

• Il-Kan. Maġġ. Joseph A. Borg u l-Kan. George Debrincat, li fis-6 ta' April fakkru s-sittin anniversarju presbiterali tagħhom.

• Il-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu* li din is-sena jagħlaq tletin sena mit-twaqqif tiegħu. Kien proprju nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 1987 li twaqqaf dan il-Moviment immexxi minn Mons. George Grima, saċerdot mill-komunità parrokkjali Ġorġjana, bl-għan li jagħti ħajja aħjar lil ħafna tfal fil-Brażil, l-Etjopja u l-Kenja. Kien ġie approvat mill-Isqof ta' Għawdex Nikol Ġ. Cauchi nhar it-30 ta' Ottubru 1992. Matul dawn l-aħħar snin, il-Moviment fetaħ 33 dar il-Brażil, 133 l-Etjopja u 34 il-Kenja.

## Insellmu lil...

• Patri Eġidju Mizzi OFMCONV (fis-seklu Mikiel), iben il-Parroċċa Ġorġjana, studjuż kbir tal-Iskrittura Mqaddsa, membru tal-komunità Franġiskana Konventwali tal-Belt Victoria, li miet nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2017, fl-għomor ta' 84 sena.

• Il-Kan. Lino Vella, mill-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem, eks-Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, u Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li miet nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar, fl-għomor ta' 55 sena.

• Mons. Giovanni Bosco Gauci, Arċidjaknu tal-Katidral tal-Assunta, Rettur tal-knisja ta' Savina, u eks-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, li miet nhar is-Sibt 29 ta' April, fl-għomor ta' 79 sena.

---

**Donazzjonijiet**: C. u F. Scicluna €5 (Victoria), N.N. €50 (Victoria), Mons. Coronato Grima €10 (Victoria), Mons. Ġużeppi Gauci €10 (Victoria), Dolindo Grima €10 (Victoria).

### OFFRI R-RIVISTA B'SUFFRAĠJU GĦALL-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK

Mod sabiħ kif tagħmel suffraġju lill-għeżież mejtin tiegħek hu billi tħallas parti mill-ispejjeż ta' din ir-rivista *Il-Belt Victoria*. Mill-ġid li jixtered permezz tagħha jistgħu jgawdu wkoll l-erwieħ tal-Purgatorju.

L-isem tal-għeżież tiegħek flimkien ma' stedina għat-talb b'suffraġju tagħhom jidhru f'waħda mill-paġni tar-rivista.

Kun parti minn dan il-proġett tagħna! Agħti d-donazzjoni tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Jannar - April 2017



*Andrew Formosa*

andrew.formosa@gmail.com

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Pontifikal Solenni tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Omm Alla.

**» 7 ta' Jannar**
**07.00pm:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa laqgħa għal dawk kollha involuti fir-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Tqassam il-Kalendarju Parrokkjali 2017, din is-sena b'tema Marjana fl-okkażjoni tal-mitt sena mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima. Fil-faċċata deher ritratt tal-pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima lejn il-Katidral; fuq ġewwa, diversi kwadri u statwi Marjani li jinsabu fil-Bażilika.

**» 8 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni konventwali fis-Solennità tal-Epifanija, li fiha saret it-Tħabbira tal-Festi Liturġiċi tas-sena.

**» 18 ta' Jannar**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa laqgħa għal-letturi, l-animaturi u l-kanturi, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 19 ta' Jannar**
**04.30 u 05.30pm:** L-Arċipriet mexxa laqgħat għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, bit-tema: "X'se jgħidu wliedna dwarna?", fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa laqgħa għal dawk involuti fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 20 ta' Jannar**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa laqgħa għal dawk kollha li jnaddfu l-Bażilika u ċ-Ċentru Parrokkjali, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 26 ta' Jannar**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-ewwel laqgħa għall-Kunsill Pastorali Parrokkjali magħżul minnu, fl-Awla Kapitulari.

**» 28-29 ta' Jannar**
Fil-quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd fil-Bażilika, saret il-Ġabra għall-Art Imqaddsa mill-Patrijiet Franġiskani Minuri.

**» 31 ta' Jannar**
**03.45pm:** L-Arċipriet żar it-tfal tad-duttrina fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla, u wara l-katekiżmu mexxa l-quddiesa f'dik il-knisja.

**» 2 ta' Frar**
**05.45pm:** Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej bdiet minn fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu, u wara purċissjoni qasira mal-miġemgħa lejn il-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni li għaliha kienu mistiedna speċjali dawk kollha li jgħinu u jaqdu fil-knisja.

**» 8-10 ta' Frar**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-quddies tat-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' Lourdes.

**» 11 ta' Frar**
**04.00pm:** L-Arċipriet flimkien mal-poplu mxew minn Pjazza San Ġorġ sad-Dar *Sant'Anna* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, li fiha ntqal ir-Rużarju Mqaddes. Dritt wara, hu mexxa quddiesa għar-residenti tad-dar.
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes, u wara, purċissjoni bl-istatwa tagħha madwar it-toroq tal-Bażilika.

**» 23 ta' Frar**
**06.30pm:** Inżammet laqgħa oħra tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, fl-Awla Kapitulari.

**» 1 ta' Marzu**
**08.45am:** Mill-ewwel ġurnata tar-Randan, beda jsir it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ta' kuljum flimkien mal-poplu fil-Bażilika.
**05.45pm:** Iċ-ċelebrazzjoni tal-Erbgħa tar-Rmied bdiet b'mixja penitenzjali miz-zuntier ta' San Ġakbu għall-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni li fiha sar ir-Rit Solenni tar-Rmied. Mal-bidu tar-Randan, fuq il-Paġna ta' Facebook tal-Parroċċa xxandar filmat ta' stedina mill-Arċipriet għaċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa, li ntlaqa' tajjeb immens minn dawk kollha li rawh u għamlu *share* tiegħu.

**» 2 ta' Marzu**
**05.30pm:** Il-grupp tal-kandidati tal-Konfirmazzjoni tal-Parroċċa kellu żjara fis-Seminarju Maġġuri, fejn saritilhom spjega tal-ħajja fis-Seminarju u ġew imdawra mis-seminaristi.
**05.45pm:** F'kull jum tar-Randan saret il-Via Crucis fil-Bażilika.

**» 3 ta' Marzu**
**07.30pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa l-*Lectio Divina* fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. Dawn il-laqgħat bit-tifsir tal-Vanġelu tal-Ħadd baqgħu jsiru fil-Ġimgħat kollha tar-Randan. Fl-istess Kappella, matul ir-Randan kollu, tħalla l-Lezzjonarju fuq leġiju għal dawk li riedu jaqraw u jirriflettu fuq is-siltiet tal-Liturġija tal-Kelma tal-ġurnata.

**» 4 ta' Marzu**
**07.00pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa Seminar parrokkjali bit-tema "Il-Kriterji għall-Applikazzjoni ta' Kapitlu VIII tal-Eżortazzjoni tal-Papa Franġisku *Il-Ferħ tal-Imħabba*", fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 5 ta' Marzu**
**10.00am:** L-Arċipriet mexxa l-Quddiesa tal-Komunità għall-familji Ġorġjani, li hu għażilha bħala l-quddiesa tiegħu f'Jum il-Mulej. Tul din il-quddiesa, bdiet tinżamm ukoll l-ispjega tal-Vanġelu għat-tfal mill-katekisti, li għal-Liturġija tal-Kelma sal-Offertorju kienu jitilgħu fid-Dar Parrokkjali. Fl-istess waqt, ingħata wkoll servizz ta' *baby sitting* fid-Dar Parrokkjali. F'din il-mixja tal-Ħdud tar-Randan, fl-omelija saret katekeżi tal-Vanġeli 'Batteżimali' li toffri l-Liturġija ta' dan iż-żmien għas-Sena A.
**04.30pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sar il-kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu u l-kleru flimkien mal-poplu.
**07.00pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sa Ħadd il-Għid, l-Arċipriet mexxa hu l-aħħar quddiesa tal-ġurnata mmirata b'mod speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u animata minn kantanti differenti. It-tema ta' din il-mixja kienet *Breakaway*.

**» 6-9 ta' Marzu**
**07.30pm:** Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għall-Miżżewġin, fil-Bażilika.

**» 11 ta' Marzu**
**Filgħodu:** Dun Anthony Bajada mexxa nofstanhar irtir għall-abbatini f'Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ.

**» 13-16 ta' Marzu**
**04.15pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għal Kulħadd, fil-Bażilika.

**» 16 ta' Marzu**
**05.30pm:** Il-grupp tal-kandidati tal-Konfirmazzjoni tal-Parroċċa għamel żjara lis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, fejn sar mument ta' talb immexxi minn Dun Dominic M. Sultana.
**» 17-18 ta' Marzu**
Sar *Live-in* tar-Randan għall-Grupp tal-Adolexxenti ta' Forms 2-4, fid-Dar tas-Sorijiet Salesjani, Marsalforn.
**» 18 ta' Marzu**
**04.00pm:** Saret ħarġa għall-anzjani tal-Parroċċa madwar Għawdex li kienet tinkludi quddiesa fil-knisja arċipretali tal-Qala u *refreshments* f'ristorant. Din kienet l-ewwel inizjattiva ta' kull xahar li l-Parroċċa bdiet tieħu għall-anzjani tagħha.
**» 26 ta' Marzu**
**08.00am:** Fetħet l-iskeda sħiħa tar-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria*.
**» 31 ta' Marzu**
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Seminar parrokkjali bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, fis-Sala tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù.
**» 31 ta' Marzu-2 ta' April**
Inżammet fiera tal-kotba fiċ-Ċentru Parrokkjali b'għażla wiesgħa ta' kotba li wieħed seta' jixtri għal donazzjoni libera.
**» 31 ta' Marzu-6 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Quddiesa kantata bl-omelija tas-Settiena tad-Duluri.
**» 1 ta' April**
**08.00pm:** Ittella' fil-Bażilika kunċert mill-*ensemble* tal-Għaqda Karmelitani u l-Banda *Queen Victory* taż-Żurrieq.
**» 3-6 ta' April**
**4.15pm:** Id-Djaknu Michael Grima mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għat-Tfal, fil-Bażilika.
**» 6 ta' April**
**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Banda Ċittadina *La Stella*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Noel Beck.
**» 7-8 ta' April**
Sar *Live-in* tar-Randan għal-Grupp taż-Żgħażagħ tas-Sixth Form, fid-Dar tas-Sorijiet Salesjani, Marsalforn.
**» 8 ta' April**
**07.45pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM flimkien ma' Mario Caruana mexxew Ċelebrazzjoni ta' Fejqan fil-Bażilika, fejn kienu mistiedna b'mod speċjali l-parteċipanti kollha tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
**» 9 ta' April**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-Friegħi tal-Palm u ż-Żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni solenni ta' Ħadd il-Palm.
**» 10 ta' April**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur mill-istess knisja sal-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Arċipriet.
**» 11 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali li fiha ta l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina.
**» 12 ta' April**
**07.30pm:** Saret il-Via Crucis fil-Bażilika, b'meditazzjonijiet imdawla minn temi moderni u animati b'kant, żfin u filmati. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni l-Isqof ta l-Barka Ewkaristika.
**» 13 ta' April**
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fit-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-Quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa f'nofsinhar.
**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella*, il-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta u l-i*Scouts Group* tal-Marsa. Kemm il-funzjoni u kemm il-purċissjoni kienu mxandra dirett fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali *TVM 2*.
**» 14 ta' April**
**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**09.00am:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fil-Belt Victoria.
**10.00am:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza l-Via Crucis fuq l-għolja Ta' Għammar.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**» 15 ta' April**
**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**08.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn fuq iz-zuntier tal-Bażilika bil-Mixegħla tal-Blandun. Waqt din il-liturġija saret il-magħmudija ta' żewġt itrabi.
**» 16 ta' April**
**08.00am:** L-Isqof iċċelebra l-Quddiesa ta' nhar l-Għid fil-Bażilika.
**08.45am:** Inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella*, id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, issa lura minn xhur ta' restawr mill-istess artist tagħha l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' nhar l-Għid.
**» 17 ta' April**
**09.30am:** L-Arċipriet beda t-Tberik tal-Għid fid-djar tal-familji li baqa' sejjer sas-27 ta' Mejju, u li fost l-oħrajn kien jinkludi ġurnata fil-ġimgħa Malta fejn hu żar il-flats tal-istudenti universitarji.
**» 19 ta' April**
Saret ħarġa għall-anzjani f'Malta fejn żaru l-Belt Valletta, l-Isla u l-festa ta' San Girgor.
**» 20-22 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa liturġika ta' San Ġorġ, fejn fiha niseġ l-omeliji dwar il-Patrun tagħna. Fi tmiem il-quddiesa, tkanta l-Innu u ngħatat il-Barka Ewkaristika.
**» 23 ta' April**
**09.00am:** Fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju tiegħu, il-Piccolo Gruppo di Cristo, f'pellegrinaġġ f'Għawdex bis-sehem ta' fuq mija u ħamsin pellegrin, iċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Bażilika li tmexxiet minn Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru.
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Ewwel Għasar Solenni fil-Vġili tas-Solennità ta' San Ġorġ.
**07.30pm:** Inżammet il-Velja tal-Martirju fi Pjazza San Ġorġ bit-tema *Insemmgħu l-Vanġelu b'ħajjitna*. Il-velja tmexxiet mill-Isqof Djoċesan u għaliha nħarġet fil-bieb l-istatwa titulari ta' San Ġorġ.
**» 24 ta' April**
**8.00am:** Fis-solennità liturġika ta' San Ġorġ, ittrasferita mill-Ħadd għat-Tnejn minħabba l-Ottava tal-Għid, sar il-kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu Ġorġjan.
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa t-Tieni Għasar Solenni.
**07.00pm:** L-Isqof mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ.
**» 27 ta' April**
**04.30 u 05.30pm:** L-Isqof iltaqa' mat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Grizma tal-Isqof, flimkien mal-ġenituri u l-parrini, fis-Sala Parrokkjali.
**» 28 ta' April**
Saret ġita għall-anzjani f'Malta fl-okkażjoni tal-Valletta Green Festival.



**Mons. Anton Grech Vella** (1917-2008), Teżorier tal-Kapitlu Ġorġjan u Prokuratur tal-Bażilika ta' San Ġorġ, wieħed mill-akbar benefatturi li kellha l-Parroċċa Ġorġjana.

Il-kwadru, xogħol taż-żejt fuq it-tila tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fl-2017, b'qies ta' 183x122ċm, ġie rregalat lill-Bażilika b'tifkira tiegħu minn Giuseppa Xerri, u llum jinsab imdendel fil-bokka tat-taraġ li jieħu għas-Sala Parrokkjali.

*Il-ferħ tal-Festa qiegħed fil-mixja...*

Ħejji ruħek
għall-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju
billi int u l-familja tiegħek
tattendu għad-

## DISA' ĦAMISIJIET TA' SAN ĠORĠ

**Kull nhar ta' Ħamis fil-Quddiesa**
**tas-7.00pm**
**bil-prietka minn**
**Dun Simon M. Cachia**

niġġeddu lkoll flimkien
PROĠETTI SAN ĠORĠ
2017-2022

# SAN ĠORĠ *għandu bżonnok*

INSTALLAZZJONI TA' PANNELLI FOTOVOLTAJIĊI

1





RESTAWR TAL-FAĊĊATA, IL-ĠNUB U L-KOPPLA TAL-BAŻILIKA

2

3

RINNOVAZZJONI TAĊ-ĊENTRU U S-SALA PARROKKJALI



4

DAMASK TAL-PALMA GĦALL-BAŻILIKA KOLLHA

